WITH reference to Government Notice No. 371 dated 27th March, 2012, under the title 'Renumbering of doors at St Peter's, Ħaż-Żabbar', the following amendment in **bold** should be made.

**ST PETER'S, ĦAŻ-ŻABBAR**

**1. TRIQ IL-PROFS. J.G. BALDACCHINO**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq in-Naħla
*Left side entering from Triq in-Naħla*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Garaxx | 21 |
| Sacred Heart | 23 |
| Garaxx | 25 |
| 3, Rock Rose | 27 |

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq in-Naħla
*Right side entering from Triq in-Naħla*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| 21 (Garaxx) | 21 | | |
| **Bieb bla numru (Flettijiet)** | **23** | | |
| 25 (Garaxx) | 25 | | |
| 27, Rock Rose | 27 | | |

Il-25 ta' Awwissu, 2026

**Nru. 1297**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻABBAR**

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 62 tal-20 ta' Jannar, 2012, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħaż-Żabbar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

25th August, 2026

**No. 1297**

**NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻABBAR**

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 62 dated 20th January, 2012, under the title 'Renumbering of doors at Ħaż-Żabbar', the following amendments in **bold** should be made.

**ĦAŻ-ŻABBAR**

**1. TRIQ IX-XGĦAJRA**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Misraħ San Ġakbu
*Left side entering from Misraħ San Ġakbu*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Misraħ San Ġakbu
*Right side entering from Misraħ San Ġakbu*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| 18, Virgo Maria | 33 | | |
| 20 | 35 | | |
| 21 | 37 | | |
| Garaxx | 39 | | |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| 33, Virgo Maria | 33 | | |
| **Garaxx** | **35** | | |
| **Ta' Ġużi** | **37** | | |
| 39 (Garaxx) | 39 | | |

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| 34 | 63 | | |
| San Juda | 65 | | |
| Sit bla bini | 67 | | |
| Sit bla bini | 69 | | |
| Garaxx | 71 | | |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| 63 | 63 | | |
| 65, **Dar il-Hena** | 65 | | |
| **37, Micfra (Flettijiet)** | **69** | | |
| 71 (Garaxx) | 71 | | |

***** *In-numru 67 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament.*

Il-25 ta' Awwissu, 2026

25th August, 2026

**Nru. 1298**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻEJTUN**

**Emendi**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 874 tas-26 ta' Settembru, 2003, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fiż-Żejtun', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

**No. 1298**

**NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻEJTUN**

**Amendments**

WITH reference to Government Notice No. 874 dated 26th September, 2003, under the title 'Renumbering of doors at Iż-Żejtun', the following amendments in **bold** should be made.

**IŻ-ŻEJTUN**

**9. TRIQ ID-DULURI**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Santu Wistin

*Left side entering from Triq Santu Wistin*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Santu Wistin

*Right side entering from Triq Santu Wistin*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Garaxx | 64 |
| Bieb imbarrat | 66 |
| Garaxx | 68 |
| Bieb ta' wara | 70 |
| San Guzepp | 72 |

għandhom jinqraw
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| 64 (Garaxx) | 64 |
| 66 (Bieb imbarrat) | 66 |
| **Daħla għall-garaxxijiet** | **68** |
| **Garaxx** | **68A** |
| **Garaxx** | **68B** |
| **70, Turtle Dove** | **70** |
| **Garaxx** | **70A** |
| 72, San Ġużepp | 72 |

Il-25 ta' Awwissu, 2026

25th August, 2026

**Nru. 1299**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRŻEBBUĠA**

**Prolungament**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1532 tad-29 ta' Novembru, 2019, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birżebbuġa', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

**No. 1299**

**NUMBERING OF DOORS AT BIRŻEBBUĠA**

**Prolongation**

WITH reference to Government Notice No. 1532 dated 29th November, 2019, under the title 'Numbering of doors at Birżebbuġa', the following prolongation in **bold** should be made.

**BIRŻEBBUĠA**

**TRIQ IL-QAJJENZA**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Salvatore Cachia Zammit

*Left side entering from Triq Salvatore Cachia Zammit*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Salvatore Cachia Zammit

*Right side entering from Triq Salvatore Cachia Zammit*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

għandhom jiżdiedu
*should be added*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| **Salt Waters (Flettijiet)** | **89** | | |
| **Madonna tal-Karmnu** | **91** | | |
| **Daħla għall-garaxxijiet** | **93** | | |

Il-25 ta' Awwissu, 2026

**Nru. 1300**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL TARXIEN**

**Prolungament**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 986 tal-14 ta' Lulju, 2023, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Tarxien', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

25th August, 2026

**No. 1300**

**NUMBERING OF DOORS AT ĦAL TARXIEN**

**Prolongation**

WITH reference to Government Notice No. 986 dated 14th July, 2023, under the title 'Numbering of doors at Ħal Tarxien', the following prolongation in **bold** should be made.

**ĦAL TARXIEN**

**42. TRIQ MARJU SCHEMBRI**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Napuljun Caruana Dingli
*Left side entering from Triq Napuljun Caruana Dingli*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Daħla għall-garaxxijiet | 31 |

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Napuljun Caruana Dingli
*Right side entering from Triq Napuljun Caruana Dingli*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

għandhom jiżdiedu
*should be added*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| **1, Christel** | **33** | | |
| **Marlaw Residence (Flettijiet)** | **35** | | |
| **Bieb bla numru** | **37** | | |

Il-25 ta' Awwissu, 2026

**Nru. 1301**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA**

**Kjarifika**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1180 tas-7 ta' Awwissu, 2026, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mellieħa', għandha ssir din il-kjarifika kif indikat b'tipi **grassi**.

25th August, 2026

**No. 1301**

**NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA**

**Clarification**

WITH reference to Government Notice No. 1180 dated 7th August, 2026, under the title 'Numbering of doors at Il-Mellieħa', the following clarification in **bold** should be made.

**IL-MELLIEĦA**

**1. MISRAĦ IL-PARROĊĊA**

Meta tidħol minn Triq il-Parroċċa
*Entering from Triq il-Parroċċa*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| 36, St Elena | 30 |

għandha tinqara
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| **St Elena** | **30** |

Il-25 ta' Awwissu, 2026

25th August, 2026

**Nru. 1302**

**No. 1302**

## NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL TARXIEN

## NUMBERING OF DOORS AT ĦAL TARXIEN

**Kjarifika**

**Clarification**

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1109 tat-28 ta' Lulju, 2026, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Tarxien', għandha ssir din il-kjarifika kif indikata b'tipi **grassi**.

WITH reference to Government Notice No. 1109 dated 28th July, 2026, under the title 'Numbering of doors at Ħal Tarxien', the following clarification in **bold** should be made.

**ĦAL TARXIEN**

**30. TRIQ L-ISKOLA**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ħal Tarxien

*Left side entering from Triq Ħal Tarxien*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ħal Tarxien

*Right side entering from Triq Ħal Tarxien*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Maria | 38 |

għandha tinqara
*should read*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| **Marie** | 38 |

Il-25 ta' Awwissu, 2026

25th August, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

POLICE NOTICE

**Nru. 201**

**No. 201**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

**L-Isla**

**Senglea**

Nhar il-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2026, minn nofsinhar sal-11.00 p.m., minn Xatt Juan B. Azzopardo.

On Wednesday, 26th August, 2026, from noon to 11.00 p.m., through Xatt Juan B. Azzopardo.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Public transport will not be affected;

Mit-8.00 a.m. tas-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2026 sas-1.00 a.m. tal-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2026, minn Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei u Triq il-Vitorja.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat mit-8.00 a.m. tas-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2026 sas-2.00 a.m. tal-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2026.

**Il-Mosta**

Nhar il-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2026, mill-4.00 p.m. sal-5.30 p.m., minn Pjazza Rotunda, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Triq il-Bażilika, Triq it-Torri, Triq Ġużeppi Callus, Triq Mattew Callus, Triq Gafà, Triq Anġlu Gatt, Triq il-Ħarifa u Triq is-Sajf.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Ħaż-Żebbuġ**

Mis-7.00 a.m. tas-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2026, san-3.00 a.m. tal-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2026, mill-parti ta' isfel ta' Triq Sciortino, Misraħ San Filippu kollu u Triq il-Kbira minn Triq Frans Sammut sa Misraħ San Filippu.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Nhar is-Sibt, 5 ta' Settembru, 2026, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Kbira minn Triq Frans Sammut sa Misraħ San Filippu.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Nhar it-Tnejn, 21 ta' Settembru, 2026, mis-6.00 a.m. sal-10.00 a.m., minn karreġġjata waħda fi Triq Sciortino minn Misraħ San Filippu sal-Golden Lion Bar.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Ottubru, 2026, mit-8.30 a.m. sal-10.00 a.m., minn karreġġjeta waħda direzzjoni lejn ir-Rabat fi Triq l-Imdina, minn mar-roundabout ta' Dun Mikiel Vassalli sar-roundabout ta' Ħ'Attard. Il-vetturi se jiġu devjati għas-service road.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

From 8.00 a.m. of Saturday, 29th August, 2026 to 1.00 a.m. of Sunday, 30th August, 2026, through Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei and Triq il-Vitorja.

Public transport will be affected from 8.00 a.m. of Saturday, 29th August, 2026 to 2.00 a.m. of Sunday, 30th August, 2026.

**Mosta**

On Wednesday, 26th August, 2026, from 4.00 p.m. to 5.30 p.m., through Pjazza Rotunda, Triq il-Kungress Ewkaristiku, Triq il-Bażilika, Triq it-Torri, Triq Ġużeppi Callus, Triq Mattew Callus, Triq Gafà, Triq Anġlu Gatt, Triq il-Ħarifa and Triq is-Sajf.

Public transport will be affected.

**Ħaż-Żebbuġ**

From 7.00 a.m. of Saturday, 29th August, 2026, to 3.00 a.m. of Sunday, 30th August, 2026, through the lower part of Triq Sciortino, all of Misraħ San Filippu and Triq il-Kbira from Triq Frans Sammut to Misraħ San Filippu.

Public transport will not be affected.

Clearance is required;

On Saturday, 5th September, 2026, from 3.00 p.m. to midnight, through Triq il-Kbira from Triq Frans Sammut to Misraħ San Filippu.

Public transport will not be affected.

Clearance is required;

On Monday, 21st September, 2026, from 6.00 a.m. to 10.00 a.m., through one lane in Triq Sciortino from Misraħ San Filippu to Golden Lion Bar.

Public transport will not be affected.

Clearance is required;

On Sunday, 11th October, 2026, from 8.30 a.m. to 10.00 a.m., through one lane directing towards Rabat in Triq l-Imdina, from around Dun Mikiel Vassalli's roundabout to Ħ'Attard's roundabout. Vehicles will be diverted to the service road.

Public transport will not be affected.

Clearance is not required.

**Iż-Żejtun**

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 2026, mill-5.00 p.m. sad-9.30 p.m., minn Misraħ il-Kanonku Giovanni Vella.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

**Is-Siġġiewi**

Nhar is-Sibt, 12 ta' Settembru, 2026, mis-7.00 a.m. sa nofsillejl, minn Triq San Nikola minn Triq Santa Margerita sal-pjazza, Pjazza San Nikola u Triq il-Kbira minn Pjazza San Nikola sa Triq il-Qasira.

Triq San Ġakbu se tinbidel f'karreġġjata waħda fejn il-karozzi jistgħu joħorġu biss lejn Triq il-Fawwara waqt dan il-ħin.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance.

**Bormla**

Mill-4.00 p.m. tal-Ġimgħa, 18 ta' Settembru, 2026 sas-1.00 a.m. tas-Sibt, 19 ta' Settembru, 2026, u mill-4.00 p.m. tas-Sibt, 19 ta' Settembru, 2026 sas-1.00 a.m. tal-Ħadd, 20 ta' Settembru, 2026, minn Suq Bonnici, Triq il-Gendus, Triq Matty Grima, Triq San Ġorġ, Pjazza Santa Margerita, Triq Santa Margerita, Triq Erin Serracino Inglott, Triq Verdala u Triq Ġubilew il-Fidda.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Awwissu, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 202**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ir-Rabat, Malta**

Nhar is-Sibt, 12 ta' Settembru, 2026, mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq il-Kbira, Triq San Pawl, Pjazza San

**Żejtun**

On Friday, 11th September, 2026, from 5.00 p.m. to 9.30 p.m., through Misraħ il-Kanonku Giovanni Vella.

Public transport will not be affected.

**Siġġiewi**

On Saturday, 12th September, 2026, from 7.00 a.m. to midnight, through Triq San Nikola from Triq Santa Margerita to the square, Pjazza San Nikola and Triq il-Kbira from Pjazza San Nikola to Triq il-Qasira.

Triq San Ġakbu will be converted into a one-way street where cars only exit towards Triq il-Fawwara during this time.

Public transport will be affected.

Clearance is required.

**Cospicua**

From 4.00 p.m. of Friday, 18th September, 2026 to 1.00 a.m. of Saturday, 19th September, 2026, and from 4.00 p.m. of Saturday, 19th September, 2026 to 1.00 a.m. of Sunday, 20th September, 2026, through Suq Bonnici, Triq il-Gendus, Triq Matty Grima, Triq San Ġorġ, Pjazza Santa Margerita, Triq Santa Margerita, Triq Erin Serracino Inglott, Triq Verdala and Triq Ġubilew il-Fidda.

Public transport will not be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

25th August, 2026

POLICE NOTICE

**No. 202**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

**Rabat, Malta**

On Saturday, 12th September, 2026, from 5.00 p.m. to 9.00 p.m., through Triq il-Kbira, Triq San Pawl, Pjazza San

Pawl, Triq San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam u Triq Santu Wistin.

Hemm bżonn ta' clearance fi Triq San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam u Triq Santu Wistin.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

**Ir-Rabat/Imdina**

Nhar il-Ħadd, 13 ta' Settembru, 2026, mis-6.00 a.m. sal-10.00 a.m., minn Pjazza Mario Galea Testaferrata inkluż iż-żona tal-parkeġġ u s-Saqqajja.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Awwissu, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 158 tal-2026**

*Wirjiet tal-Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir – Festa tal-Isla – 2026*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li se jinħarqu wirjiet tan-nar minn żewġ braken, irmiġġati mill-inqas 200m 'il bogħod mill-Ponta ta' Bighi, iċċentrati fuq il-pożizzjonijiet P u Y, kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

| *Pożizzjoni* | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| P | 35° 53'.651 | 014° 31'.199 |
| Y | 35° 53'.629 | 014° 31'.255 |

In-nar se jinħaraq fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Settembru, 2026, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., u bejn it-8.30 p.m. u d-8.50 p.m.

Nhar is-Sibt, 5 ta' Settembru, 2026, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., u bejn it-8.30 p.m. u d-8.50 p.m.

Nhar il-Ħadd, 6 ta' Settembru, 2026, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., u bejn l-10.00 p.m. u l-10.30 p.m.

Nhar it-Tnejn, 7 ta' Settembru, 2026, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., bejn is-6.00 p.m. u s-7.00 p.m., u bejn id-9.30 p.m. u l-11.30 p.m.

Pawl, Triq San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam and Triq Santu Wistin.

Clearance is required in Triq San Ġużepp, Pjazza L'Isle Adam and Triq Santu Wistin.

Public transport will not be affected.

**Rabat/Mdina**

On Sunday, 13th September, 2026, from 6.00 a.m. to 10.00 a.m., through Pjazza Mario Galea Testaferrata including the parking area and Saqqajja.

Public transport will not be diverted.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

25th August, 2026

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 158 of 2026**

*Firework Displays at the Grand Harbour – Senglea Feast – 2026*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that firework displays will be let off from two barges, moored at least 200m off Il-Ponta ta' Bighi, centered on positions P and Y, as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

| *Position* | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| P | 35° 53'.651 | 014° 31'.199 |
| Y | 35° 53'.629 | 014° 31'.255 |

The firework displays will be let off on the following dates and times:

On Friday, 4th September, 2026, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between noon and 12.20 p.m., and between 8.30 p.m. and 8.50 p.m.

On Saturday, 5th September, 2026, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between noon and 12.20 p.m., and between 8.30 p.m. and 8.50 p.m.

On Sunday, 6th September, 2026, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between noon and 12.20 p.m., and between 10.00 p.m. and 10.30 p.m.

On Monday, 7th September, 2026, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m. between noon and 12.20 p.m., between 6.00 p.m. and 7.00 p.m., and between 9.30 p.m. and 11.30 p.m.

Nhar it-Tlieta, 8 ta' Settembru, 2026, bejn it-8.00 a.m. u t-8.20 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m., u bejn is-7.00 p.m. u d-9.30 p.m.

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' Settembru, 2026, il-braken se jiġu mċaqalqa mit-tarzna rispettiva tagħhom għall-pożizzjonijiet P u Y, minn fejn se jinħaraq in-nar tal-ajru. Il-braken se jibqgħu fil-pożizzjoni tagħhom matul il-lejl u għalhekk se jkollhom dwal mixgħula fuqhom.

In-nar tal-ajru se jitgħabba fuq brakken fil-Bajja tar-Rinella u se jiġu mċaqalqa biex jitgħabbew fuq iż-żewġ braken nhar il-Erbgħa 2, il-Ħamis 3, is-Sibt 5, u t-Tnejn 7 ta' Settembru, 2026. It-trasferiment tan-nar tal-ajru se jsir għall-ħabta tas-6.00 a.m. jew tas-6.30 a.m.

Il-braken imbagħad jitneħħew mill-pożizzjoni fejn ikunu ankrati nhar l-Erbgħa, 9 ta' Settembru, 2026.

F'dawn il-jiem, qed tintalab distanza ta' sigurtà ta' 200 metru mill-braken, peress li dawn se jkunu mgħobbija bil-logħob tan-nar.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-wirjiet tan-nar lil kwalunkwe bastiment u l-apparat anċillari tiegħu, kemm jekk dan il-bastiment u l-apparat sekondarju tiegħu jitħallew fiż-żona ta' sigurtà ta' 200m, jew barra minn dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jinħaraq il-logħob tan-nar.

Il-baħħara għandhom jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi. L-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar għandhom jiġu segwiti.

Chart affettwata: BA Chart 177

Il-25 ta' Awwissu, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 159 tal-2026**

*8th September Regatta fil-Port il-Kbir – Il-Belt Valletta*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika li r-Regatta tat-8 ta' Settembru se ssir fil-Port il-Kbir fiż-żona hawn taħt u kif immarkat fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt):

1. Nhar it-Tlieta, 8 ta' Settembru, 2026, mit-8.30 a.m., se jitpoġġa ħabel tal-wire bis-sufruni fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

(i) ħabel tal-wire bis-sufruni se jitpoġġa mill-punt (A) fuq l-art fuq Barriera Wharf sa punt (B) ħdejn il-Ponta ta' Sant'Anġlu;

On Tuesday, 8th September, 2026, between 8.00 a.m. and 8.20 a.m., between noon and 12.20 p.m., and between 7.00 p.m. and 9.30 p.m.

On Tuesday, 1st September, 2026, barges will be shifted from their respective shipyard to positions P and Y from where the fireworks will be let off. The barges will be left in position during the night and therefore they will have lights on them.

The fireworks will be loaded onto a barge at Rinella Bay and shifted to be loaded on the 2 barges on Wednesday, 2nd, Thursday, 3rd, Saturday, 5th, and Monday, 7th September, 2026, the shifting of the fireworks will take place at around 6.00 a.m. or 6.30 a.m.

The barges will then be removed from the moored position on Wednesday, 9th September, 2026.

A wide berth of 200 meters is requested from the barges on these days as the barges will be loaded with fireworks.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the 200m safety zone, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

Mariners are to navigate with caution and at slow speed when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers. Instructions and directions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any enforcement personnel are to be complied with.

Chart affected: BA Chart 177

25th August, 2026

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 159 of 2026**

*8th September Regatta at the Grand Harbour – Valletta*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the 8th September Regatta will be held in the Grand Harbour within the below area and as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt):

1. On Tuesday, 8th September, 2026 as from 8.30 a.m., wire rope with floats will be laid in the following positions:

(i) a wire rope with floats will be laid from point (A) ashore on Barriera Wharf to point (B) off Il-Ponta ta' Sant'Anġlu;

(ii) ħabel tal-wire bis-sufruni se jitqiegħed mill-punt (B) ħdejn il-Ponta ta' Sant'Anġlu sal-punt (C) fit-Tramuntana tal-Ponta tal-Isla;

(iii) ħabel tal-wire bis-sufruni se jitpoġġa mill-punt (C) fit-Tramuntana tal-Ponta tal-Isla sal-punt (D) tal-Punent tal-Ponta tal-Isla quddiem l-entratura tal-Bastjun tad-Daħla tal-Franċiżi;

(iv) l-aċċess lil hinn mill-punt Ponta tal-Isla (C) huwa limitat għal dgħajjes parteċipanti biss;

(v) ħabel tal-wire bis-sufruni se jitpoġġa mill-bollard 8 fil-punt Ras Ħanżir 2 (E) sa bollard 26 f'punt Deep Water Quay (F), kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

2. Il-ħbula tal-wire, sufruni u bagi msemmija f'1 hawn fuq se jitneħħew meta titlesta r-Regatta f'bejn wieħed u ieħor is-6.00 p.m. tat-Tlieta, 8 ta' Settembru, 2026.

3. Is-sufruni u l-marker buoys msemmija f'1 hawn fuq se jitneħħew ukoll meta titlesta r-Regatta f'bejn wieħed u ieħor is-6.00 p.m. nhar it-Tlieta, 8 ta' Settembru, 2026.

Bejn it-8.15 a.m. u s-6.00 p.m. nhar it-Tlieta, 8 ta' Settembru, 2026, bastimenti li l-arranġamenti tal-irmiġġ tagħhom jinsabu fiż-żona magħżula bħala l-korsa tar-Regatta, jew li biex jitilqu mill-Port il-Kbir ikollhom jgħaddu minn din iż-żona, ma jkunux permessi jitilqu, ħlief jekk ikollhom awtorizzazzjoni minn qabel mingħand l-organizzaturi tal-avveniment. (Jekk ir-Regatta tiġi kkanċellata fit-8 ta' Settembru, 2026, din ir-restrizzjoni għandha tapplika minflok bejn it-8.15 a.m. u s-6.00 p.m. nhar is-Sibt, 12 ta' Settembru, 2026.

Iż-żona iffurmata mil-linji bejn il-punti A sa B, B għal C, C għal D, E sa F, u x-xatt ta' bejniethom għandha tinżamm libera nhar it-Tlieta, 8 ta' Settembru, 2026, bejn it-8.30 a.m. u s-6.00 p.m., minn kull bastiment ħlief dawk awtorizzati mill-organizzaturi tal-attività.

Jekk minħabba maltemp l-avveniment ma jkunx jista' jsir kif ippjanat, dan isir fl-istess post nhar is-Sibt, 12 ta' Settembru, 2026, bejn it-8.30 a.m. u s-6.00 p.m.

Il-kaptana ta' kull bastiment huma wkoll avżati li l-ħabel tal-wire u l-bagi jistgħu jikkawżaw ostaklu fiżiku u għalhekk għandhom jinnavigaw b'kawtela kbira. Għandhom ukoll jużaw kawtela meta jkunu fil-viċin ta' dawn il-ħbula u sufruni meta dawn ikunu qed jitpoġġew jew jitneħħew.

Il-baħħara għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 u l-uffiċjali tal-infurzar fl-inħawi.

(ii) a wire rope with floats will be laid from point (B) off il-Ponta ta' Sant' Anġlu to point (C) north of Il-Ponta tal-Isla;

(iii) a wire rope with floats will be laid from point (C) north of Il-Ponta tal-Isla to point (D) west of Il-Ponta tal-Isla opposite the entrance to id-Daħla tal-Franċizi Bastion;

(iv) access beyond Ponta tal-Isla point (C) is restricted to participating craft only;

(v) a wire rope with floats will be laid from bollard 8 at Ras Ħanzir 2 point (E) to bollard 26 at Deep Water Quay point (F), as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

2. The wire ropes, floats and buoys mentioned in 1 above will be removed on the completion of the Regatta at approximately 6.00 p.m. on Tuesday, 8th September, 2026.

3. The sinkers and marker buoys mentioned in 1 above will also be removed on the completion of the Regatta at approximately 6.00 p.m. on Tuesday, 8th September, 2026.

Between 8.15 a.m. and 6.00 p.m. on Tuesday, 8th September, 2026, vessels whose berthing arrangements fall within, or whose departure out of the Grand Harbour requires the vessel to transit within, the area designated as the regatta racecourse shall not be permitted to depart, except with the prior authorisation of the event organisers. (If the regatta is cancelled on 8th September, 2026, the above restriction shall instead apply between 8.15 a.m. and 6.00 p.m. on Saturday, 12th September, 2026).

The area bounded by the lines between the points A to B, B to C, C to D, E to F, and the intermediate coastline is to be kept clear on Tuesday, 8th September, 2026, between 8.30 a.m. and 6.00 p.m., from all vessels except those authorised by the activity organisers.

If due to adverse weather conditions, the event cannot be held as planned, it will be held in the same location on Saturday, 12th September, 2026, between 8.30 a.m. and 6.00 p.m.

Masters of all vessels are also warned that the wire ropes and floats may cause a physical obstruction and consequently they are to navigate with extreme caution. Caution is also to be exercised when in the vicinity of such wire ropes and floats when these are being laid or removed.

Mariners are to comply with any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 and enforcement personnel in the area.

Chart affettwata: BA 177

Il-25 ta' Awwissu, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 160 tal-2026**

*Avveniment fil-Moll tal-Marfa*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lil baħħara, sidien ta' bastimenti u għaddasa li partijiet mill-Moll tal-Marfa se jkunu ristretti temporanjament.

L-avveniment se jsir nhar l-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2026, bejn it-8.00 a.m. u t-3.00 p.m.

Il-baħħara u s-sidien tal-bastimenti huma avżati li ż-żona ffurmata mill-punti A, B, C, D, u x-xatt ta' bejniethom kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) ser tkun magħluqa fid-data u l-ħin imsemmija hawn fuq.

| | *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|---|
| A | 35° 59'.289 | 014° 20'.678 |
| B | 35° 59'.234 | 014° 20'.686 |
| C | 35° 59'.223 | 014° 20'.677 |
| D | 35° 59'.228 | 014° 20'.669 |

F'dawn il-ħinijiet, it-tagħbija u l-ħatt biss huma permessi fil-parti tan-Nofsinhar tal-Moll tal-Marfa.

Il-baħħara huma avżati biex jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa u jżommu distanza xierqa meta jkunu fil-viċinanza, kif ukoll għandhom iżommu 'l bogħod miż-żona msemmija hawn fuq.

Il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti għandhom josservaw l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fil-post.

Chart affettwata: BA 211

Il-25 ta' Awwissu, 2026

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

**Espressjoni ta' Interess ta' Amministratur/ Amministrattriċi fil-Qasam tar-Retail fi ħdan il-Malta International Contemporary Arts Space (MICAS)**

Il-Malta International Contemporay Art Space (MICAS), li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Arti, il-Kultura

Chart affected: BA 177

25th August, 2026

TRANSPORT MALTA

**Local Notice to Mariners No. 160 of 2026**

*Event at Il-Moll tal-Marfa*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners, owners of vessels and divers that parts of il-Moll tal-Marfa will be temporarily restricted.

The event will be held on Wednesday, 26th August, 2026, between 8.00 a.m. and 3.00 p.m.

Mariners and owners of vessels are advised that the area formed by joining points A, B, C, D, and the intermediate shoreline as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) is closed on the abovementioned date and time.

| | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| A | 35° 59'.289 | 014° 20'.678 |
| B | 35° 59'.234 | 014° 20'.686 |
| C | 35° 59'.223 | 014° 20'.677 |
| D | 35° 59'.228 | 014° 20'.669 |

During said times, only loading and unloading are permitted at the southern part of il-Moll tal-Marfa.

Mariners are advised to navigate with caution at slow speed and give a wide berth when in the vicinity, they are to keep out of the abovementioned area.

Mariners and vessel operators are to comply with instructions and directions issued on VHF channel 12 and/ or 16 by Valletta VTS and by any enforcement personnel on-site.

Chart affected: BA 211

25th August, 2026

MALTA INTERNATIONAL CONTEMPORARY ART SPACE

**Expression of Interest for the Position of Administrator (Retail) within the Malta International Contemporary Arts Space (MICAS)**

The Malta International Contemporary Arts Space (MICAS), under the responsibility of The Ministry for Arts, Culture and

u l-Wirt Nazzjonali, tavża li qed tirċievi applikazzjonijiet minn individwi għal Sejħa ta' Espressjoni ta' Interess minn individwi għall-pożizzjoni ta' Amministratur/Amministrattriċi fil-Qasam tar-Retail. L-applikazjonijiet se jintlaqgħu mill-entità sa nofsinhar il-Ħadd, 6 ta' Settembru, 2026, permezz ta' ittra elettronika lil (people@micas.art).

Iktar informazzjoni tista' titniżżel mis-sit elettroniku ta' MICAS (www.micas.art/get-involved).

Il-25 ta' Awwissu, 2026

MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

**Avviż mill-Kummissjoni Elettorali għall-Elezzjoni għal Ħatra ta' Tliet Inġiniera Membri fuq il-Bord tal-Inġiniera 2026**

Il-Kummissjoni Elettorali tavża li se jintlaqgħu nominazzjonijiet għall-elezzjoni ta' tliet (3) membri fuq il-Bord tal-Inġiniera bejn it-Tlieta, l-1 ta' Settembru, 2026 u l-Ħamis, 3 ta' Settembru, 2026.

L-applikazzjonijiet għan-nominazzjoni għandhom jiġu aċċessati minn (https://inginieraelezzjoni2026.gov.mt/mt/nomini/) u jiġu sottomessi fl-indirizz elettroniku (ingvoting.mlgp@gov.mt). L-elezzjoni se ssir nhar l-Erbgħa, 23 ta' Settembru, 2026. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (https://inginieraelezzjoni2026.gov.mt).

Il-25 ta' Awwissu, 2026

AWTORITÀ TAD-DJAR

**Skema Għal Għotja fuq Akkwist ta' Proprjetà - 2023**

B'referenza għall-Iskema Għal Għotja fuq Akkwist ta' Proprjetà ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Frar 2023, l-Awtorita' tad-Djar tixtieq tagħmel dawn l-emendi b'effett immedjat:-

*Temenda Klawsola 1 biex taqra kif ġej:*

**1. Titolu u l-għan tal-iskema**

Din l-iskema, Għotja fuq l-Akkwist ta' Proprjetà hija intiża għal persuni li akkwistaw l-ewwel proprjetà wara l-1 ta' Jannar 2022. Din l-għotja li ser tammonta għal għaxart elef ewro (€10,000) jew għoxrin elf ewro (€20,000) f'każ ta' persuna *first time buyer* li tipposjedi EU Disability Card valida maħruġa minn Aġenzija Sapport, ser tingħata fuq medda ta' għaxar (10) snin lill-applikant li jkun akkwista proprjetà L-għotja se tingħata permezz ta' pagamenti ta' elf ewro (€1,000) jew elfejn ewro (€2,000) li se jingħataw darba fis-sena.

National Heritage, is issuing a call for an Expression of Interest for the position of Administrator (Retail). Applications are to be received by not later than Sunday, 6th September, 2026, at noon via email to (people@micas.art).

Further information may be obtained from the MICAS website (www.micas.art/get-involved).

25th August, 2026

MINISTRY FOR LOCAL GOVERNMENT AND PUBLIC WORKS

**Notice by the Electoral Commission for the Election of Three Inġiniera Members on the Inġiniera Board 2026**

The Electoral Commission hereby notifies that nominations will be accepted for the election of three (3) members to the Board of Engineers between Tuesday, 1st, and Thursday, 3rd September, 2026.

Nomination applications may be accessed from (https://inginieraelezzjoni2026.gov.mt/nominations/) and must be submitted by email to (ingvoting.mlgp@gov.mt). Election will be held on Wednesday, 23rd September, 2026. Further information may be obtained from (https://inginieraelezzjoni2026.gov.mt).

25th August, 2026

HOUSING AUTHORITY

**Property Acquisition Grant Scheme 2023**

With reference to Scheme Property Acquisition Grant Scheme 2023 published in the Government Gazette of the 17th February 2023 the Housing Authority wishes to effect the following amendments with immediate effect:-

*Amend Clause 1 to read as follows:*

**1. Title and aim of the Scheme**

The Property Acquisition Grant is intended for people who acquired their first residential property after 1st January 2022. This grant, which will amount to ten thousand Euros (€10,000) or twenty thousand (€20,000) in case of first time buyer applicant holding a valid EU Disability Card issued by Agenzija Sapport will be given over a period of ten (10) years to applicant who has acquired a property. The grant will be given once a year through payments of one thousand Euro (€1,000) or two thousand Euro (€2,000) each.

*Temenda Klawsola 3 sub klaswoli (b) & (d) biex tjaqraw kif ġej:*

**3. Kundizzjonijiet tal-iskema**

(b) F'każ ta' persuna *first time buyer* u li tipposjedi EU Disability Card valida maħruġa minn Aġenzija Sapport, l-għotja taħt din l-iskema ser tlaħħaq għal għoxrin elf Ewro (€20,000) f'medda ta' għaxar snin. L-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) ser jinħareġ mill-Awtorità tad-Djar darba fis-sena.

(d) F'każ ta' koppja li wieħed mill-koppja huwa u tipposjedi EU Disability Card valida maħruġa minn Aġenzija Sapport u li akkwistaw il-proprjetà flimkien u in solidum, u l-proprjetà ma tkunx l-ewwel residenza ta' wieħed mill-applikanti, allura l-għotja tkun dik ta' għaxart elef Ewro (€10,000) ċioè elf Ewro (€1,000) fis-sena għal għaxar (10) snin.

Il-25 ta' Awwissu, 2026

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Eżamijiet għall-Ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) – Settembru, 2026**

*Suldat Regolari, Suldat Regolari bi sfond tekniku u Suldat Regolari bi sfond mużikali*

*Eżamijiet bil-Miktub*

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet jixtieq javża li l-avviżi hawn fuq imsemmija ntbagħtu lill-kandidati konċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet bin-numru tat-telefown 2598 2958 jew permezz ta' elettronika lil (myexams@gov.mt).

Il-25 ta' Awwissu, 2026

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Eżami għall-Applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għall-persuni li jagħmlu installazzjoni tal-Elettriku skont ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi (L.S. 545.24) – Lulju, 2026**

*Riżultati tal-eżamijiet tal-kitba*

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet jgħarraf li l-kandidati kollha ġew mgħarrfa dwar l-eżitu tal-ewwel parti tal-eżami (eżami bil-miktub). Dawk li għaddew ġew avżati bl-appuntament tal-eżami tal-Prattika u l-Intervista (It-Tieni Parti).

*Amend Clause 3 sub clauses (b) & (d) to read as follows:*

**3. Conditions of the scheme**

(b) the case of a first-time buyer who holds a valid EU Disability Card issued by Agenzija Sapport, the grant under this scheme shall amount to twenty thousand euros (€20,000) over a period of ten years. An amount of two thousand euros (€2,000) shall be paid by the Housing Authority once a year.

(d) In the case of a couple where one of the couple holds a valid EU Disability Card issued by Agenzija Sapport and who acquired the property jointly and in solidum, and the property is not the first residence of one of the applicants, the grant shall amount to ten thousand euros (€10,000), that is, one thousand euros (€1,000) per year for ten (10) years.

25th August, 2026

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

**Examinations for the Enlistment of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force) – September, 2026**

*Regular Soldier, Regular Soldier with a technical background and Regular Soldier with a musical background*

*Written Examinations*

The Department of Examinations notifies that the above-mentioned notices have been sent to the candidates concerned.

Those applicants who have not received the notice are invited to contact immediately the Department of Examinations via telephone number 25982958 or by email to (myexams@gov.mt).

25th August, 2026

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

**Authorisation Examination for the Application of Authorisation of a Service Provider for Electrical Installations as per Electrical Installations Regulations (S.L.545.24) – July, 2026**

*Written examinations results*

The Department of Examinations notifies that all candidates have been informed about their success or otherwise in Part 1 of the above examinations. Successful candidates have been informed of the date of their respective Practical Assessment and Interview (Part II).

Dawk l-applikanti li ma rċevewx din il-komunikazzjoni huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, bin-numru tat-telefown 2598 2958 jewpermezz ta' ittra elettronika lil (myexams@gov.mt).

Il-25 ta' Awwissu, 2026

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

**Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala 'Tow Zones'.

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati, ħlief għal aċċess privat ta' garaxxijiet, djar, jew negozji:

Mill-4.00 p.m. tal-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2026 sat-8.00 p.m. tal-Ħamis, 27 ta' Awwissu, 2026, parkeġġ se jkun sospiż f'ħamsa u għoxrin spazju ta' parkeġġ fis-semicurcular lay-by fi Triq il-Latnija;

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Awwissu, 2026, mis-6.00 a.m. sat-8.00 p.m., hemm bżonn ta' għeluq totali ta' Triq l-Armier u parkeġġ se jkun sospiż f'ħamsa u għoxrin spazju ta' parekġġ;

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Awwissu, 2026, mis-6.00 a.m. sat-8.00 p.m., hemm bżonn ta' għeluq totali ta' Triq Daħlet ix-Xmajjar, l-Aħrax, u parkeġġ se jkun sospiż fi tletin spazju ta' parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati

Il-25 ta' Awwissu, 2026

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

**Irmunkar ta' Vettura**

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf li vettura blu li kienet ipparkjata fi Triq il-Maqdes Megalitiku, San Pawl il-Baħar, tat-tip Mercedes Benz mingħajr numri tar-reġistrazzjoni u mingħajr liċenzja, ġiet irmunkata fil-1 ta' April, 2026, u meħuda għand Tar-Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, wara tmint ijiem ta' avviż għall-finijiet ta' Artikolu 8A, tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat b'avviż legali ta' Subsidiary legislation 65.13 ( Regolament dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru).

Those applicants who have not received the notification are advised to contact immediately the Department of Examinations via telephone number 2598 2958 or by email to (myexams@gov.mt).

25th August, 2026

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

**Suspension of Traffic and Parking**

The Mellieħa Local Council notifies that that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder will be closed to traffic and are to be classified as 'Tow Zones' as indicated.

The Mellieha Local Council hereby notifies that the stopping and parking of vehicles in the streets mentioned is prohibited on the dates and times indicated as follows, unless to access private garages, homes, or businesses:

From 4.00 p.m. of Wednesday, 26th August, 2026 to 8.00 p.m. of Thursday, 27th August, 2026, parking will be suspended in twenty-five parking spaces in the semicircular lay-by in Triq il-Latnija;

On Thursday, 27th August, 2026, from 6.00 a.m. to 8.00 p.m., full closure of Triq l-Armier is required and parking will be suspended in twenty-five parking spaces;

On Thursday, 27th August, 2026, from 6.00 a.m to 8.00 p.m., full closure of Triq Daħlet ix-Xmajjar, l-Aħrax, is required and parking will be suspended in thirty parking spaces.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

25th August, 2026

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

**Towing of a Vehicle**

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that a blue vehicle which was parked for a long period in Triq il-Maqdes Megalitiku, St Paul's Bay, of model Mercedes Benz without registration numbers and without license, was towed on the 1st of April, 2026, and taken to Tar-Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, after being notified for eight days as in virtue of Section 8A of Legal Notice 94 of 1977 and Legal Notice 123 of 2001 and Subsidiary Legislation 65.13 (Traffic Regulations and Removal of Encumbering Objects).

Jekk sidha ma jmurx għaliha fi żmien stipulat mil-liġi, din se tiġi skreppjata.

Il-25 ta' Awwissu, 2026

KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

**Clearance ta' Triq**

Il-Kunsill Lokali Ta' Xbiex jgħarraf li minn nhar il-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2026 sas-Sibt, 26 ta' Settembru, 2026, mis-6.00 a.m. 'il quddiem, hemm bżonn ta' clearance fix-Xatt Ta' Xbiex (iż-żona ta' mal-baħar).

Il-25 ta' Awwissu, 2026

DIVIŻJONI TAL-GVERN LOKALI

Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali tgħarraf illi:

**Kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS, sas-1.00 p.m. tat-Tlieta, 15 ta' Settembru, 2026, għal:**

Avviż Nru LGD/01/2026 – Bejgħ 'tale quale' ta' vettura (Mudell: Skoda Octavia)

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS min fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-kwotazzjoni jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali tirriserva d-dritt li tirrifjuta kwalunkwe offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-25 ta' Awwissu, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Uffiċċju għad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 26 ta' Awwissu, 2026.**

ERU2008U26 – Devices
ERU2008U26A – Devices
ERU2008U26B – Devices
ERU2008U26C – Devices
ERU2008U26D – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated time frame, this vehicle will be scrapped.

25th August, 2026

TA' XBIEX LOCAL COUNCIL

**Street Clearance**

The Ta' Xbiex Local Council notifies that from Wednesday, 26th August, 2026 to Saturday, 26th September, 2026, from 6.00 a.m. onwards, clearance is required in Ix-Xatt Ta' Xbiex (seaside area).

25th August, 2026

LOCAL GOVERNMENT DIVISION

The Local Government Division notifies that:

**Quotations will be received through ePPS, up to 1.00 p.m. of Tuesday, 15th September, 2026, for:**

Advt No. LGD/01/2026 – Sale 'tale quale' of a vehicle (Model: Skoda Octavia)

Quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Government Division reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

25th August, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 26th August, 2026.**

ERU2008U26 – Devices
ERU2008U26A – Devices
ERU2008U26B – Devices
ERU2008U26C – Devices
ERU2008U26D – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-25 ta' Awwissu, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Uffiċċju għad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 27 ta' Awwissu, 2026.**

ERU2108U26A – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-25 ta' Awwissu, 2026

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

**Kwotazzjoni MLC/Q/40/04/2026:**

Il-Kunsill Lokali l-Imqabba jistieden Inġiniera kwalifikati sabiex jissottomettu kwotazzjoni għall-għoti ta' servizzi professjonali ta' inġinerija b'rabta mal-proġett tal-M&E fil-binja tal-Kunsill, 'L-Isptar il-Qadim', fi Triq San Innoċenzju, l-Imqabba.

Is-servizzi meħtieġa jinkludu d-disinn tas-sistemi M&E meħtieġa, kif ukoll it-tħejjija tad-dokumentazzjoni teknika kollha meħtieġa sabiex jinħareġ it-tender għax-xogħlijiet, inklużi l-ispeċifikazzjonijiet tat-tender, il-bills of quantities (BoQs) u l-istimi tal-ispejjeż.

Il-baġit massimu allokat għal dawn is-servizzi huwa ta' €5,000, eskluża l-VAT.

Dawk interessati għandhom jissottomettu lill-Kunsill Lokali l-Imqabba r-rata fis-siegħa, eskluża l-VAT, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 28 ta' Awwissu, 2026.

Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

Aktar informazzjoni u/jew kjarifiki jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (mqabba.lc@gov.mt), jew bin-numru tat-telefown 2168 0622.

Il-25 ta' Awwissu, 2026

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

25th August, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 27th August, 2026.**

ERU2108U26A – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

25th August, 2026

MQABBA LOCAL COUNCIL

**Quotation MLC/Q/40/04/2026:**

The Mqabba Local Council invites qualified Engineers to submit quotations for the provision of professional engineering services in connection with the M&E project at the Council-owned premises, the 'Mqabba Old Hospital', Triq San Innoċenzju, Mqabba.

The required services shall include the design of the necessary M&E systems and the preparation of all technical documentation required for the procurement of the works, including tender specifications, bills of quantities (BoQs) and cost estimates.

The maximum budget allocated for these services is €5,000 excluding VAT.

An hourly rate, excluding VAT, is to be submitted by prospective bidders to the Mqabba Local Council by not later than noon on Friday, 28th August, 2026.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

Further information and/or clarification may be obtained by email to (mqabba.lc@gov.mt), or by telephone number 2168 0622.

25th August, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2161

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-1 ta' Lulju, 2025, fuq talba ta' Annette Rodo ġie ordnat, sabiex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1334/2025, fl-ismijiet Annette Rodo vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu ta' fidi ta' ċens numru 1334/2025 fl-ismijiet Annette Rodo (KI 166686M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw sidien mhux magħrufa, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-27 ta' Ġunju, 2025, Annette Rodo tesponi bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dott. Nicola Said datat 2 ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija sebgħa u sebgħin (1977) kopja ta' liema kuntratt qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A', il-ġenituri tal-esponenta Paul u Josephine Spiteri née Fenech akkwistaw il-proprjetà u permezz ta' Donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dott. Isabelle Gonzi datat fit-2 ta' April, 2012, fejn l-esponenti Annette Rodo bint Paul u Josephine Spiteri née Fenech u akkwistat il-fond numru 29, Saint Sebnick, Triq il-Qiegħa, Is-Siġġiewi.

Kif ukoll hawn anness causa mortis fl-atti tan-Nutar Dott. Isabelle Gonzi datat fid-29 ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fejn biha sehem mill-proprjetà msemmija ossija 29, Saint Sebnick, Triq il-Qiegħa, Is-Siġġiewi, kienet trasferita lill-istess Annette Rodo née Spiteri.

Illi tali fond huwa suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' għaxar ċenteżmi (Lm0.10) Maltin pagabbli lill-istess intimat altriment liberu u frank minn kull ħaġa oħra bil-ġustijiet u drittijiet kollha tiegħu;

Illi l-esponent qiegħed jehmeż kull pjanta li turi l-kobor u l-lok tal-immobbli msemmi u suġġett għaċ-ċens;

Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakultà mogħtija lilu ai termini tal-artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdi l-imsemmi ċens ai termini tal-istess liġi;

Illi ċ-ċens ta' għaxar liri maltin (Lm0.10) kapitalizzati bir-rata ta' ħamsa fil-mija 5% inkluż arretrati possibbli ta'

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 1st July, 2025, following a request of Annette Rodo it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number 1334/2025, in the names Annette Rodo vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit of redemption of groundrent numb er 1334/2025 in the names of Annette Rodo (ID 166686M) vs Deputy Curators to represent unknown owners, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 27th June, 2025, whereby Annette Rodo respectfully submitted:

That by means of a contract of sale in the records of Notary Dr Nicola Said dated 2nd June of the year one thousand nine hundred and seventy seven (1977) copy of which contract is hereby attached and marked as Doc. 'A' the parents of the applicant Paul and Josephine Spiteri née Fenech acquired the property and by means of a donation in the records of Notary Dr Isabelle Gonzi dated 2nd April, 2012, whereby the applicant Annette Rodo daughter of Paul and Josephine Spiteri née Fenech acquired the premises number 29, Saint Sebnick, Triq il-Qiegħa, Siġġiewi.

As well attached is the causa mortis in the records of Notary Dr Isabelle Gonzi dated 29th November of the year two thousand and seven (2007) whereby a share of the property mentioned or rather 29, Saint Sebnick, Triq il-Qiegħa, Siġġiewi, was transferred to the same Annette Rodo née Spiteri.

That such premises are subject to the annual and perpetual groundrent of ten Maltese cents (lm0.10) payable to the same respondent otherwise free and unencumbered from any other matter with all its justices and rights;

That the applicant is attaching also a plan which shows the size and place of the immovable mentioned and subject to the groundrent;

That the applicant wishes to avail himself of the faculty given to her in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the said groundrent in terms of the same law;

That the groundrent of ten Maltese liri (Lm0.10) capitalised at the rate of five percent 5% including possible

ħames snin jammontaw għal mitejn u ħamsin lira (Lm250) u ċoè ħames mija u tmienja u għoxrin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€528.34).

Għaldaqstant l-esponenti qiegħed jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taħt l-awtorità tagħha jgħaddi sabiex jiddepożita s-somma ta' ħames mija u tmienja u għoxrin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€528.34) rappreżentanti s-somma sabiex jiġi mifdi tali ċens, sabiex tiġi liberament żbankata min minn għandu dritt għaliha skont il-liġi wara li tiġi rilaxxata d-debita riċevuta skont il-liġi.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta

Reġistru Pubbliku (Identità)

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Aaron Bugeja, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum l-1 ta' Lulju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

arrears of five years amounts to two hundred and fifty (Lm250) liri and namely five hundred and twenty eight euro and thirty four cents (€528.34).

Thus the applicant is calling upon this Honourable Court so that under its authority deposit the sum of five hundred and twenty eight euro and thirty four cents (€528.34) representing the sum in order to redeem the said groundrent, so that it be freely withdrawn who has the right to it according to law after the due receipt according to law.

Notification: Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta

Public Registry (Identity)

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Aaron Bugeja, LLD Doctor of Laws.

Today 1st July, 2025

Registry of the Superior Courts, today 20th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2162

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-15 ta' Lulju, 2025, fuq talba ta' Mens Company Limited et ġie ordnat sabiex jigu appuntati kuraturi deputati sabiex iħarsu l-interessi u jirrappreżentaw l-interessi tal-intimati fl-atti taċ-ċedola

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 15th July, 2025, following a request of Mens Company Limited et it was ordered that deputy curators be nominated to protect the interests and represent the interests of the respondents in

numru 1442/2025, fl-ismijiet Mens Company Limited et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra u relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola Depożitu u kontestewali Fidi ta' Ċens numru 1442/2025 fl-ismijiet ta' Mens Company Limited (C12709) bl-indirizz 171, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta, Malta, li ġiet reġistrata f'Malta fit-28 ta' Mejju, 1991, u hija rappreżentata mill-Avukat Dott. Matthew Bianchi (KI 321576M) u M.S.C. Limited (C12708) bl-indirizz Spinola Park, Level 0, Triq Mikiel Ang. Borg, St Julian's, Malta, li ġiet reġistrata f'Malta fit-28 ta' Mejju, 1991, u hija rappreżentata mill-Perit Arkitett u Inġinier Ċivili Raymond Demicoli vs Kuraturi Deputati sabiex jidhru għan-nom ta' sidien mhux magħrufa ta' porzjoni ta' art diviża u fabrikabbli formanti parti mill-għalqa magħrufa bħala 'L-Għar tal-Fatati' fil-kuntrada 'Ta' Mensija', limiti ta' San Ġwann, indikata bħala porzjoni disgħa (9) fuq l-annessa pjanta markata dokument 'A', tal-kejl ta' ċirka sitta u sebgħin metru kwadru (76 m.k); u Kuraturi Deputati sabiex jidhru għan-nom u fl-interess ta' Carmelo Mifsud, ġja bir-raba', bin il-mejtin Felice Mifsud u Marianna Mifsud née Parnis, imwieled u kien joqgħod Birkirkara li mhux magħruf jekk huwiex ħaj jew għas-suċċessuri fit-titolu tiegħu mhux magħrufa jekk ikun il-każ; u vs Doris Borg mart Carmelo, mara tad-dar, bint Giusepppe Debono u Giuseppa Debono née Micallef, twieldet Birkirkara u toqgħod is-Swieqi, bil-karta tal-identità numru 612453M, bħala waħda mill-eredi, u għan-nom tal-eredi l-oħra, tal-imsemmi Giuseppe Debono, ġia kuntrattur, bin-mejtin Alberto Debono u Caterina Debono née Vella, imwieled San Ġiljan u kien joqgħod San Ġwann, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-11 ta' Lulju, 2026, fejn Mens Company Limited (C12709) u M.S.C. Limited (C12708) jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti qegħdin jagħmlu din iċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens fir-rigward ta' porzjoni ta' art diviżi u fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa magħrufa bħala 'L-Għar tal-Fatati' fil-kuntrada 'Ta' Mensija', limiti ta' San Ġwann, indikata bħala porzjoni disgħa (9) fuq l-annessa pjanta markata dokument 'A', tal-kejl ta' cirka sitta u sebgħin metru kwadru (76 m.k), konfinanti mit-tramuntana ma' Triq l-Ortolan, ġja triq ġdida proġettata bla isem, mil-Lvant ma' beni tal-esponenti u mill-Punent ma' proprjetà ta M.S.C. Limited (C12708). Fuq din il-porzjoni ta' art illum hemm mibnija l-fondi numru tnax (12), erbatax (14) u sittax (16), fiq Triq l-Ortolan, San Ġwann;

Illi l-imsemmija porzjoni diviża ta' art ġiet akkwistata mill-esponenti in forza tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. John Debono tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991), liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dokument 'B' u mill-provenjenza ulterjuri ta' dan il-kuntratt, jirriżulta li huma dovuti ċ-ċens, is-subċens u s-subsubċens hawn imsemmija;

the acts of the schedule of deposit number 1442/2025, in the names Mens Company Limited et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Schedule of Deposit and Redemption of groundrent number 1442/2025 in the names of Mens Company Limited (C12709) with address 171, Triq l-Ifran, Valletta, Malta, which was registered in Malta on the 28th May, 1991, and is represented by Advocate Dr Matthew Bianchi (ID 321576M) and M.S.C. Limited (C12708) with address Spinola Park, Level 0, Triq Mikiel Ang. Borg, St Julian's, Malta, which was registered in Malta on the 28th May, 1991, and is represented by Architect and Civil Engineer Raymond Demicoli vs Deputy Curators to appear on behalf of unknown owners of a divided and developable portion of land forming part of the field known as 'L-Għar tal-Fatati' in the district 'Ta' Mensija ', limits of San Ġwann, indicated as a portion nine (9) on the attached plan marked document 'A', measuring approximately seventy-six square metres (76 sq.m); and vs Deputy Curators to appear in the name and in the interest of Carmelo Mifsud, formely farmer, son of the late Felice Mifsud and Marianna Mifsud née Parnis, born and resided in Birkirkara who is not known whether he is alive or to the unknown successors in title if any; and vs Doris Borg wife of Carmelo, housewife, daughter of Giusepppe Debono and Giuseppa Debono née Micallef, born in Birkirkara and residing in Swieqi, holding identity card number 612453M, as one of the heirs, and on behalf of the other heirs, of the said Giuseppe Debono, previously contractor, with the late Alberto Debono and Caterina Debono née Vella, born in St Julian's and resided in San Ġwann, filed in the First Hall of the Civil Courts on the 11th July, 2026, whereby Mens Company Limited (C12709) and M.S.C. Limited (C12708) respectfully submitted:

That the applicants are making this schedule of deposit and redemption of groundrent in respect of a divided and developable portion of land forming part of the field known as 'L-Għar tal-Fatati' in the district 'Ta' Mensija', limits of San Ġwann, indicated as a portion nine (9) on the attached plan marked document 'A', measuring about seventy six square metres (76 sq.m), bounded on the north by Triq l-Ortolan, otherwise a new street projected without name, on the east by property of the applicant and on the west by property M.S.C. Limited (C12708). On this portion of land today there are built the premises number twelve (12), fourteen (14) and sixteen (16), on Triq l-Ortolan, San Ġwann;

That the said divided portion of land was acquired by the applicants in virtue of the contract in the records of Notary Dr John Debono of the twenty-fifth (25) of September, of the year one thousand nine hundred ninety-one (1991), which contract is here attached and marked as document 'B' and from the provenance of this contract, it results that the groundrent, sub-groundrent and sub-sub-groundrent herein mentioned are due;

Illi din il-porzjoni diviża ta' art, kienet tifforma parti mill-għalqa fil-limiti ta' San Ġiljan, kontrada 'Tal-Mensija' hekk ukoll imsejħa, tal-kejl l-intier ta' ċirka tomna, ekwivalenti għal elf mija u erbgħa u għoxrin metru kwadru (1124 m.k.) u li kienet tmiss mill-punent mal-knisja tal-Mensija, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' spazju pubbliku jew irjieħ verjuri u hija:

a) suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' erba' xelini u żewġ soldi ekwivalenti għal għoxrin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm0.20c 8) ekwivalenti għal disgħa u erbgħin ċenteżmu (€0.49) u dan kif jidher mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Brincat tat-tletin (30) ta' April, tas-sena elf disa' mija u erbgħa u ħamsin (1954), liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dokument 'C'. Sehem din il-porzjoni diviża ta' art minn dan iċ-ċens jammonta għal tliet ċenteżmi (€0.03),

b) suġġetta għas-subċens ta' ħamsin lira Maltin (Lm50) ekwivalenti għal mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), u dan, kif jidher mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Francis Micallef tat-tlieta (3) ta' Frar, tas-sena elf disa' mija u sebgħa u sittin (1967), liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dokument 'D'. Sehem din il-porzjoni diviża ta' art minn dan is-subċens jammonta għal seba' ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€7.87),

c) suġġetta għas-subsubċens ta' tliet mija u tnejn u tletin lira u erba' xelini ekwivalenti għal tliet mija u tnejn u tletin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm332.20c) ekwivalenti għal seba' mija u tlieta u sebgħin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€773.82), u dan kif jidher mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace tad-disgħa ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u disgħa u sittin (1969), liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala dokument 'E'. Sehem din il-porzjoni diviża ta' art minn dan is-subsubċens jammonta għal ħamsa u tletin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€35.36);

Illi fl-ewwel lok, fir-rigward taċ-ċens fuq imsemmi, l-esponenti qegħdin jagħmlu pagament ta' tmintax-il ċenteżmu (€0.18), liema somma tirrappreżenta:

a) kwantu għas-somma ta' ħmistax-il ċenteżmu (€0.15) bħala ċ-ċens pagabbli komplessivament għal ħames snin fuq din il-porzjoni diviża ta' art,

b) kwantu għas-somma ta' tliet ċenteżmi (€0.03) bħala l-laudemium li jista' jkun dovut fuq it-trasferiment ta' 'l fuq imsemmija porzjoni diviża ta' art;

Illi fit-tieni lok, fir-rigward tas-subċens fuq imsemmi, l-esponenti qegħdin jagħmlu pagament ta' sebgħa u erbgħin ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€47.22), liema somma tirrappreżenta:

That this divided portion of land, formed part of the field in the limits of St Julian's, in the vicinity of 'Tal-Mensija' so called, measuring the whole area of about one tumolo, equivalent to one thousand one hundred and twenty four square metres (1124 sq.m.) and bounded on the West by the Church of Mensija, on the south and east by a public space or more precise boundaries and is:

a) subject to the annual and perpetual groundrent of four shillings and two pence equivalent to twenty cents and eight mills (Lm0.20c 8) equivalent to forty nine cents (€0.49) and this as appears from the contract in the records of Notary Dr Joseph Brincat dated thirty (30) of April, of the year one thousand nine hundred and fifty four (1954), this contract is here attached and marked as document 'C'. The share of this divided portion of land from this groundrent amounts to three cents (€0.03),

b) subject to the subgroundrent of fifty Maltese Liri (Lm50) equivalent to one hundred and sixteen euro and forty seven cents (€116.47), and this, as appears from the contract in the records of Notary Doctor Francis Micallef of the third (3) of February, of the year one thousand nine hundred and sixty seven (1967), which contract is being attached and marked as document 'D'. Share of this divided portion of land from this sub groundrent amounts to seven euro and eighty seven cents (€7.87),

c) subject to sub sub-groundrent of three hundred and thirty two liri and four shillings equivalent to three hundred and thirty two Maltese liri and twenty cents (Lm332.20c) equivalent to seven hundred and seventy-three euro and eighty-two cents (€773.82), and this as it appears from the contract in the records of Notary Remigio Zammit Pace dated ninth June of the year one thousand nine hundred and sixty nine (1969), which contract is here attached and marked as document 'E'. Share of this divided portion of land from this sub-subgroundrent amounts to thirty five euro and thirty six cents (€35.36);

That in the first place, as regards the groundrent abovementioned, the applicants are making a payment of eighteen cents (€0.18), which sum represents:

a) as for the sum of fifteen cents (€0.15) as the groundrent payable overall for five years on this divided portion of land,

b) as for the sum of three cents (€0.03) as the laudemium which may be due on the transfer of the abovementioned divided portion of land;

That in the second place, as regards the sub groundrent abovementioned, the applicants are making a payment of forty seven euro and twenty two cents (€47.22) which sum represents:

a) kwantu is-somma ta' disgħa u tletin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€39.35) bħala s-subċens pagabbli komplessivament għal ħames snin, u

b) kwantu s-somma ta' seba' ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€7.87) li jirrappreżenta l-laudemium dovut fuq it-trasferiment tal-fuq imsemmija porzjoni;

Illi fit-tielet lok, fir-rigward tas-subsubċens fuq imsemmi, l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda pendenzi fil-ħlas tas-subsubċens u qegħdin jagħmlu pagament ta' ħamsa u tletin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€35.36) li jirrappreżenta l-laudemium dovut fuq it-trasferiment ta' 'l fuq imsemmija porzjoni;

Illi fir-raba' lok, l-esponenti qegħdin jipprevalixxu ruħhom mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu:

a) dan iċ-ċens kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) skont il-liġi biex b'hekk jammonta għal sittin ċenteżmu (€0.60),

b) dan is-subċens kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) skont il-liġi biex b'hekk jammonta għal mija u sebgħa u ħamsin ewro u erbgħin ċenteżmu (€157.40),

c) dan is-subsubċens kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) skont il-liġi biex b'hekk jammonta għal seba' mija u sebgħa ewro u għoxrin ċenteżmu (€707.20).

Għaldaqstant, fil-ħames lok l-esponenti sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbilità, qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw is-somma komplessiva ta' disa' mija u sebgħa u erbgħin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€947.96), liema somma tirrappreżenta:

(a) is-somma komplessiva ta' tmienja u sebgħin ċenteżmu (€0.78) li tkopri:

1. is-somma ta' ħmistax-il ċenteżmu (Eur 0.15) bħala ċ-ċens pagabbli komplessivament għall-ħames snin; u

2. is-somma ta' tliet ċenteżmi (€0.03) għall-laudemium li jista jkun dovut; u

3. is-somma ta' sittin ċenteżmi (€0.60) sabiex b'hekk jiġi mifdi ċ-ċens fuq il-porzjoni diviża ta' art fuq imsemmija, liema somma komplessiva ta' tmienja u sebgħin ċenteżmu (€0.78) tista' tiġi liberament żbankata mill-kuraturi deputati għan-nom ta' sidien mhux magħrufa ta' porzjoni ta' art diviża u fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa magħrufa bħala 'L-Għar tal-Fatati' fil-kuntrada 'Ta' Mensija', limiti ta' San Ġwann, indikata bħala porzjoni disgħa (9) fuq l-annessa pjanta markata dokument 'A', tal-kejl ta' ċirka sitta u sebgħin metru kwadru (76m.k), wara li jħallu d-debita riċevuta skont il-liġi.

a) as for the sum of thirty nine euro and thirty five cents (€39.35) as the subgroundrent payable in total for five years, and

b) as for the sum of seven euro and eighty seven cents (€7.87) which represents the laudemium due on the transfer of the abovementioned portion;

That in the third place, as regards the sub-subgroundrent abovementioned, the applicants declare that there are no pendencies in the payment of the sub-subgroundrent and are making a payment of thirty five euro and thirty six cents (€35.36) which represents the laudemium due on the transfer of the abovementioned portion;

That in the fourth place, the applicants are availing themselves of the dispositions of Article 1501 of the Civil Code and redeem:

a) this groundrent capitalised at the rate of five per cent (5%) according to law so that amounts to sixty cents (€0.60),

b) this subgroundrent capitalised at the rate of five per cent (5%) according to law so that amounts to one hundred and fifty-seven euro and forty cents (€157.40),

c) this sub sub-ground rent capitalised at the rate of five per cent (5%) according to law therefore amounting to seven hundred and seven euro and twenty cents (€707.20).

Therefore, in the fifth place the applicants in order to exempt themselves from any responsibility, are calling upon this Honourable Court and under its authority they depositing the global sum of nine hundred and forty seven euro and ninety six cents (€947.96), which sum represents:

a) the total sum of seventy-eight cents (€0.78) covering:

1. the sum of fifteen cents (€0.15) as the groundrent payable overall for five years; and

2. the sum of three cents (€0.03) for the laudemium that may be due; and

3. the sum of sixty cents (€0.60) in order to redeem the groundrent on the divided portion of land abovementioned, which total sum of seventy-eight cents (€0.78) may be freely withdrawn by deputy curators on behalf of unknown owners of a divided and developable portion of land forming part of the field known as 'Għar tal-Fatati' in the limits of 'Ta' Mensija', limits of San Ġwann, indicated as a portion nine (9) on the attached plan marked document 'A', measuring circa seventy six square metres (76sq.m.), after leaving the relative receipt according to law.

b) is-somma komplessiva ta' mitejn u erba' ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (Eur 204.62) li tkopri:

1. is-somma ta' disgħa u tletin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€39.35) bħala s-subċens pagabbli komplessivament għall-ħames snin ċens; u

2. is-somma ta' seba' ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€7.87) għal-laudemium dovut; u

3. is-somma ta' mija u sebgħa u ħamsin ewro u erbgħin ċenteżmu (€157.40) sabiex b'hekk jiġi mifdi s-subċens fuq il-porzjoni diviża ta' art fuq imsemmija, liema somma komplessiva ta' mitejn u erba' ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (€204.62) tista' tiġi liberament żbankata mill-kuraturi deputati għan-nom u fl-interess ta' Carmelo Mifsud, ġja bir-raba', bin il-mejtin Felice Mifsud u Marianna Mifsud née Parnis, imwieled u kien joqgħod Birkirkara li mhux magħruf jekk huwiex ħaj, jew għas-suċċessuri fit-titolu tiegħu mhux magħrufa jekk ikun il-każ, wara li jħallu d-debita riċevuta skont il-liġi.

c) is-somma komplessiva ta' seba' mija u tnejn u erbgħin ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€742.56) li tkopri:

1. is-somma ta' ħamsa u tletin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€35.36) għal-laudemium dovut fuq it-trasferiment ta' 'l fuq imsemmija porzjoni; u

2. is-somma ta' seba' mija u seba' ewro u għoxrin ċenteżmu (€707.20) sabiex b'hekk jiġi mifdi s-subsubċens fuq il-porzjoni diviża ta' art fuq imsemmija; liema somma komplessiva ta' seba' mija u tnejn u erbgħin ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€742.56) tista' tiġi liberament żbankata minn Doris Borg mart Carmelo, mara tad-dar, bint Giuseppe Debono u Giuseppa Debono neé Micallef, twieldet Birkirkara u toqgħod is-Swieqi, bil-karta tal-identità numru 612453M, bħala waħda mill-eredi, u għan-nom tal-eredi l-oħra, tal-imsemmi Giuseppe Debono, ġja kuntrattur, bin-mejtin Alberto Debono u Caterina Debono née Vella, imwieled San Ġiljan u kien joqgħod San Ġwann, wara li tħalli d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: 171, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta

Notifika Intimati:

Kuraturi Deputati sabiex jidhru għan-nom ta' sidien mhux magħrufa ta' porzjoni ta' art diviża u fabbrikabbli formanti parti mill-għalqa magħrufa bħala 'L-Għar tal-Fatati' fil-kuntrada 'Ta' Mensija', limiti ta' San Ġwann, indikata bħala porzjoni disgħa (9) fuq l-annessa pjanta markata dokument 'A', tal-kejl ta' ċirka sitta u sebgħin metru kwadru (76m.k);

Kuraturi Deputati sabiex jidhru għan-nom u fl-interess ta' Carmelo Mifsud, ġja bir-raba', bin il-mejtin Felice Mifsud u Marianna Mifsud née Parnis, imwieled u kien joqgħod

b) the total amount of two hundred and four euro and sixty-two cents (€204.62) covering:

1. the sum of thirty nine euros and thirty five cents (€39.35) as the subgroundrent payable in total for the five years groundrent; and

2. the sum of seven euros and eighty seven cents (€7.87) for the laudemium due; and

3. the sum of one hundred and fifty seven euro and forty cents (€157.40) in order to redeem the subgroundrent on the divided portion of land abovementioned, which global sum of two hundred and four euros and sixty two cents (€204.62) can be freely withdrawn by the Deputy Curators in the name and on behalf of Carmelo Mifsud, formarly a farmer, son of the late Felice Mifsud and Marianna Mifsud née Parnis, born and resided in Birkirkara which is not known if he is alive, or to the unknown successors in title if any, after leaving the due receipt according to law.

c) the total sum of seven hundred and forty-two euro and fifty-six cents (€742.56) covering:

1. the sum of thirty-five euro and thirty-six cents (€35.36) for the laudemium due on the transfer of the abovementioned portion; and

2. the sum of seven hundred and seven euro and twenty cents (€707.20) thus redeeming the sub-subgroundrent on the divided portion of land abovementioned; which total amount of seven hundred and forty two euro and fifty six cents (€742.56) can be freely withdrawn by Doris Borg wife of Carmelo, housewife, daughter of Giuseppe Debono and Giuseppa Debono née Micallef, born in Birkirkara and residing in Swieqi, holding identity card number 612453M, as one of the heirs, and on behalf of the other heirs, of the said Giuseppe Debono, previously contractor, with the late Alberto Debono and Caterina Debono née Vella, born in St Julian's and resided in San Ġwann, after leaving the relative receipt according to law.

Applicants: 171, Triq l-Ifran, Valletta

Notify respondents:

Deputy Curators to appear on behalf of unknown owners of a divided and fabricable portion of land forming part of the field known as 'L-Għar tal-Fatati' in the district 'Ta' Mensija', limits of San Ġwann, indicated as a portion nine (9) on the attached plan marked document 'A', measuring circa seventy six square metres (76 sq.m);

Deputy Curators to appear in the name and in the interest of Carmelo Mifsud, previously with fields, son of the late Felice Mifsud and Marianna Mifsud née Parnis, born and

Birkirkara li mhux magħruf jekk huwiex ħaj, jew għas-suċċessuri fit-titolu tiegħu mhux magħrufa jekk ikun il-każ;

Doris Borg, Numru 3, Johann's Lodge, Triq Tal-Ibraġ, Is-Swieqi;

Direttur tar-Reġistru Pubbliku (żewġ kopji), 34, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Robert G. Mangion, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 15 ta' Lulju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

resided in Birkirkara who is not known whether he is alive, or for his successors in title unknown if any;

Doris Borg, Number 3, Johann's Lodge, Triq Tal-Ibraġ, Swieqi;

Director Public Registry (two copies), 34, Triq l-Arċisqof, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, abovementioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Robert G. Mangion, LLD Doctor of Laws.

Today 15th July, 2025

Registry of the Superior Courts, today 20th August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2163

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-13 ta' Awwissu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 633/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid ta' Leslie Regis Omandac meta dan jiġi biex ikun reġistrat f'Malta kif ukoll fuq l-Att taż-Żwieġ bin-numru 2874/2017, stante li l-ewwel isem 'Leslie' ma jidhirx li ġie mibdul u l-kunjom diġà ġie mibdul fuq l-Att taż-Żwieġ minn 'Regis' għal 'Omandac', sabiex it-tieni isem tar-rikorrent jiġi mibdul minn 'Sabanal' għal 'Regis'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa 19 ta' Awwissu, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 13th August, 2026, and upon an application numbered 633/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth of Leslie Regis Omandac when it is registered in Malta, as well as to the Act of Marriage number 2874/2017, given that the first name 'Leslie' does not appear to have been changed and the surname has already been changed on the Act of Marriage from 'Regis' to 'Omandac', so that the applicant's second name is changed from 'Sabanal' to 'Regis'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday 19th August, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2164

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-13 ta' Awwissu, 2026, u dan wara Rikors b'numru 648/2026, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex jagħmel it-tibdil opportun fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 6197/2024 biex isem u kunjom il-ġenitur (1) jiġi korrett b'annotazzjoni minn 'Mustafa Ali' għal 'Mustafa Ali magħruf bħala Mustafa Mohamed M Elgoaj' kif ukoll sabiex kunjom il-minuri jiġi mibdul minn 'Ali' għal 'Ali magħruf bħala Elgoaj'.

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 13th August, 2026, and upon an application numbered 648/2026, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the appropriate amendment to the Act of Birth number 6197/2024 so that the name and surname of parent (1) are corrected by annotation from 'Mustafa Ali' to 'Mustafa Ali also known as Mustafa Mohamed M Elgoaj', and so that the minor's surname is changed from 'Ali' to 'Ali also known as Elgoaj'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum l-Erbgħa 19 ta' Awwissu, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Court of Revision of Notarial Acts

Today Wednesday 19th August, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

2165

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fid-19 ta' Awwissu, 2026, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fid-19 ta' Awwissu 2026 ġie ordnat li jinħatru kuraturi deputati skont il-liġi sabiex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Michael Angelo Zammit fl-atti tar-rikors ġuramentat bin-numru 91/2026 FG fl-ismijiet 'Island Farmhouses Limited vs Tripod Investments Limited et', liema rikors ġuramentat ġie ppreżentat fl-24 ta' Lulju, 2026, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti, liema rikors jaqra hekk:

Rikors Ġuramentat tas-soċjetà Island Farmhouses Limited

Tesponi bir-rispett u John Vella bil-ġurament tiegħu jikkonferma:

1. Illi permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dott. Enzo Dimech tal-ħdax (11) ta' Ġunju tas-sena elfejn

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 19th of August, 2026, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below so that for all purposes and effects of the law serves as notification according to article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 19th of August 2026 it was ordered that a deputy curator be appointed according to law to represent the plaintiff the vacant inheritance of Michael Angelo Zammit, in the acts of the sworn application bearing number 91/2026 FG in the names 'Island Farmhouses Limited vs Tripod Investments Limited et', which sworn application was filed on the 29th of July, 2026, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts, which application reads thus:

Sworn Application by the company Island Farmhouses Limited:

Respectfully submits, and John Vella confirms on oath:

1. That by means of a public deed drawn up by Notary Dr Enzo Dimech on the eleventh (11th) of June of the year two

u sebgħa (2007), li kopja tiegħu ġiet annessa mar-Rikors Ġuramentat u mmarkata bħala Dok. A, is-soċjetà rikorrenti kienet akkwistat diversi beni immobbli kif ukoll drittijiet u obbligi litiġjużi fuq żewġ porzjonijiet mit-territorju magħruf bħala 'Ta' Randu' sive 'Ta' Xebb', sive 'Ta' Xepp' u kif ukoll magħrufa bħala 'Ta' Gianminc', jew 'Tal-Andar' limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex;

2. Illi wara ż-żmien, ġie a konoxxenza tas-soċjetà esponenti li s-soċjetà Tripod Investments Limited aġixxiet bi frodi fil-konfront tal-istess soċjetà esponenti meta minkejja li ddikjarat li kienet qed tgħaddi u ċoè tbigħ l-imsemmija drittijiet litiġjużi kienet ben konxja li tali kawżi u drittijiet kienu jinsabu estinti u kienu ġew deċiżi definittivament;

3. Illi fil-fatt permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali (Ċit. numru 26/2004 (PC)) fit-18 ta' Ottubru, 2006, fl-ismijiet Felix Xiberras et vs Tripod Investments Limited et, kwalunkwe reġistrazzjoni fuq l-artijiet indikati fil-kuntratt hawn fuq imsemmi kienu ġew imneħħija minn fuq isem il-kumpanija Tripod Investments Limited;

4. Illi mill-imsemmija sentenza ma kien sar l-ebda appell u għalhekk dik id-deċiżjoni għaddiet in ġudikat ferm qabel ma ġie kkuntrattat il-kuntratt ta' bejgħ hawn fuq imsemmi fil-11 ta' Ġunju, 2007;

5. Illi għalhekk, is-soċjetà konvenuta sfat vittma ta' frodi mis-soċjetà Tripod Investments Limited inkluż ukoll Michael Angelo Zammit li kien qed jaġixxi għan-nom tal-imsemmija soċjetà, meta din ittrasferiet dawk li sejħitilhom id-drittijiet litiġjużi fuq iż-żewġ porzjonijiet art imsemmija hawn fuq;

6. Illi fl-istess ħin, ġurnata u okkażjoni l-istess soċjetà intimata Tripod Investments Limited assenjat u ttrasferit lil Michael Zammit Holdings Limited artijiet oħra mill-imsemmi territorju u dan wara li l-istess Michael Zammit Holdings u Michael Angelo Zammit ħadu s-sehem spettanti lilhom mit-territorju inkwistjoni;

7. Illi fil-fatt, is-soċjetà attriċi akkwistat drittijiet litiġjużi li ma kinux validi u konsegwentement kwalunkwe ħlasijiet li saru inkonnessjoni ma' tali drittijiet saru inutilment;

8. Illi apparti hekk, is-soċjetà esponenti ħadet artijiet li huma anqas minn dawk li kienu jmissu lilha l-għaliex skont il-kuntratt akkwistat id-drittijiet litiġjużi meta effettivament ma kienet akkwistat xejn;

9. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) Għawdex (Rikors numru 1/2003 (JVC)) fl-ismijiet Island Farmhouses Limited vs Tripod Investments Limited et tal-24 ta' April, 2026, is-soċjetà Tripod Investments Limited

thousand and seven June (2007) a copy of which was attached to the sworn application and marked as Doc. A, the applicant company had acquired various immovable properties as well as rights and obligations subject to litigation concerning two portions of the territory known as 'Ta' Randu' sive 'Ta' Xebb', sive 'Ta' Xepp' and also known as 'Ta' Gianminc' or 'Tal-Andar', in the limits of Ta' Sannat, Gozo;

2. That, in the course of time, it came to the applicant company's knowledge that the company Tripod Investments Limited had acted fraudulently towards the same applicant company when although it declared that it was transferring that is selling the aforementioned rights subject to litigation, it was fully aware that the relevant lawsuits and rights were already extinguished and had been definitively decided;

3. That in fact by virtue of a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction General Section (Case number 26/2004 (PC)) on the 18th of October, 2006, in the names of Felix Xiberras et vs Tripod Investments Limited et, any registration concerning the lands indicated in the aforementioned contract had been removed from the name of the company Tripod Investments Limited;

4. That no appeal was lodged against the said judgment, and consequently, that decision became res judicata well before the aforementioned contract of sale was entered into on the 11th of June 2007;

5. That, therefore, the defendant company fell victim to fraud perpetrated by the company Tripod Investments Limited including also Michael Angelo Zammit who was acting on behalf of the said company when it transferred what it termed litigious rights over the two portions of land mentioned above;

6. That at the same time, date and occasion, the said respondent company Tripod Investments Limited assigned and transferred other lands from the said territory to Michael Zammit Holdings Limited, this occurring after Michael Zammit Holdings and Michael Angelo Zammit had already received their respective shares of the territory in question;

7. That, in fact, the plaintiff company acquired litigious rights that were not valid, and consequently any payments made in connection with such rights were made to no avail;

8. Furthermore, the plaintiff company received less land than it was entitled to because under the contract it acquired litigious rights when in effect it had acquired nothing;

9. That by virtue of a judgment delivered by the Civil Court (Commercial Section) Gozo (Application number1/2003 (JVC)) in the names Island Farmhouses Limited vs Tripod Investments Limited et on the 24th of

reġgħet iddaħlet fir-Reġistru tal-Kumpaniji stante li kienet ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;

10. Illi minkejja li l-intimat Michael Angelo Zammit ġie interpellat permezz ta' Ittra Uffiċċjali numru 16/2023 huwa baqa' inadempjenti;

11. Illi għalhekk is-soċjetà attriċi kienet kostretta illi tippreżenta din il-kawża;

12. Illi l-esponenti John Vella jiddikjara li huwa jaf il-fatti kollha hawn esposti personalment.

Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom aġixxew bi frodi fil-konfront tas-soċjetà Island Farmhouses Limited meta ttrasferew drittijiet u obbligi litiġjużi fuq żewġ porzjonijiet mit-territorju magħruf bħala 'Ta' Randu' sive 'Ta' Xebb', sive 'Ta' Xepp' u kif ukoll magħrufa bħala 'Ta' Gianminc', jew 'Tal-Andar' limiti ta' Ta' Sannat, Għawdex, fuq il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Enzo Dimech tal-ħdax (11) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sebgħa (2007);

2. Tiddikjara li s-soċjetà Island Farmhouses Limited ħallset flejjes lil Tripod Investments Limited ta' oġġett u ċoè drittijiet ineżistenti stante li ma setgħux jiġu trasferiti fid-data tal-kuntratt;

3. Tillikwida dak l-ammont imħallas inutilment lil Tripod Investments Limited dan bl-opera ta' perit/i nominand/i maħtura għal dan il-għan minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tiddikjara li minħabba tali trasferiment ta' drittijiet li ġew assenjati bi frodi u b'qerq lis-soċjetà Island Farmhouses Limited, l-istess soċjetà Island Farmhouses Limited akkwistat inqas territorju minn dak li fil-verità kien imiss lilha;

5. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jassenjaw lil Island Farmhouses Limited artijiet/territorji ekwivalenti għall-art li d-drittijiet fuqha ġew trasferiti lis-soċjetà Island Farmhouses Limited b'qerq u dan bil-għajnuna ta' perit/i nominand/i maħtura għal dan il-għan minn din l-Onorabbli Qorti;

6. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jirrediġi u jippubblika l-att ta' trasferiment relattiv in linea mad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. Taħtar kuratur/i deputat/i sabiex jirrappreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt pubbliku relattiv;

8. Tagħti dawk l-ordnijiet kollha relattivi u opportuni fiċ-ċirkostanzi;

April 2026, the company Tripod Investments Limited was reinstated in the Register of Companies, having previously been struck off said Register;

10. That although the respondent Michael Angelo Zammit was called upon to act through Official Letter numru16/2023, he remained in default;

11. That consequently the plaintiff company was compelled to file this lawsuit;

12. That the plaintiff John Vella declares that he has personal knowledge of all the facts set out herein.

Therefore, the plaintiff company respectfully requests this Honourable Court to:

1. Declare that the defendants, or any of them acted fraudulently towards the company Island Farmhouses Limited when they transferred litigious rights and obligations concerning two portions of the land known as 'Ta' Randu' sive 'Ta' Xebb'or 'Ta' Xepp', sive 'Ta' Gianminc', or 'Tal-Andar' in the limits of Ta' Sannat, Gozo, on the contract drawn up in the acts of Notary Dr Enzo Dimech on the eleventh (11th) of June 2007;

2. Declare that the company Island Farmhouses Limited paid monies to Tripod Investments Limited for an object namely rights that was non-existent given that such rights could not be transferred on the date of the contract;

3. Liquidate that amount paid in vain to Tripod Investments Limited, through the work of an architect/s appointed for this purpose by this Honourable Court;

4. Declare that, due to the said transfer of rights which were assigned fraudulently and deceitfully to the company Island Farmhouses Limited, the said company Island Farmhouses Limited acquired less land than it was in reality entitled to;

5. Order the defendants, or any of them, to assign to Island Farmhouses Limited lands/territories equivalent to the land over which rights were fraudulently transferred to the company Island Farmhouses Limited, with the assistance of an architect/architects appointed for this purpose by this Honourable Court;

6. Appoint a notary public to draw up and publish the relevant deed of transfer in accordance with the decision of this Honourable Court;

7. Appoint deputy curator/s to represent any party in default regarding the relevant public deed;

8. Issue all such orders as are relevant and appropriate in the circumstances;

Bl-ispejjeż inkluż tal-Ittra Uffiċċjali numru 16/2023 kollha kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti biex jidhru in subizzjoni.

(ft.) l-Avukat Dott. Joshua Grech

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Natalino Caruana De Brincat, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 21st of August, 2026

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2180

Permezz ta' digriet mogħti fid-digriet fid-9 ta' Marzu, 2026, mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5324/2025, fl-ismijiet Joseph M. Cordina Zammit et vs

By means of a decree of the 9th March, 2026, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 5324/2025 in the names Joseph M. Cordina Zammit et vs

Pedro Carlos Camilleri et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Pedro Carlos Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 27 ta' Novembru, 2025

Lil: Pedro Carlos Camilleri (KI 478086M) ta' 5 Lumier Court Apartment 10, Triq il-Kuluvert, Il-Fgura

DMT Property Management Ltd, fil-kwalità tagħhom ta' amministratur tal-condominium ta' Lumiere Court Triq il-Kuluvert, Il-Fgura

The Lumiere Court Association għal kull interess li jista' jkollhom

Permezz tal-preżenti Ittra Uffiċjali, is-Sur Joseph M. Cordina Zammit u s-Sinjura Zuzana Zelova, sidien tal-proprjetà li tinsab f'5, Lumiere Court, Apartment 8/9, Triq il-Kuluvert, Il-Fgura, li hija s-sottoposta tal-proprjetà tiegħek, jinterpellawk sabiex issewwi l-ħsara u tirranġa x-xogħol fil-binja tiegħek li ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

Intom formalment informati illi l-ilma tax-xita mill-bejt proprjetà jew okkupat minn Pedro Carlo Camilleri qed jidħol fil-proprjetà tal-mittenti, u dan qed jikkawża ħsara u danni serji, kemm fil-fond innifsu kif ukoll fil-furnishings interni u l-għamara tal-proprjetà. Din is-sitwazzjoni diġà qed tikkawża inkonvenjent serju u ħsarat materjali lis-sidien. Għalkemm kien jidher li kien intlaħaq xi forma ta' ftehim, il-ħsarat ikkawżati min-naħa tiegħek baqgħu ma ġewx irrimedjati, u l-problemi baqgħu jaggravaw – dan kollu kif jirriżulta mill-anness rapport tal-Perit Benny Cortis anness u immarkat Dok. M001.

Illi qed tiġi interpellat ukoll sabiex ma tibqax tagħmel użu mill-common area tal-basement garage stante li ma għandek l-ebda dritt reali u/jew personali sabiex tipparkja u/jew tħalli materjal li jingombra l-common area tal-garaxx;

Illi l-mittenti minn issa qed iżommuk responsabbli għad-danni, il-ħsara u l-ispejjeż tal-faċċata u tal-kommun stante li dawn iridu jiġu riparati skont l-obbligi li joħorġu mill-kuntratt tal-kondominja, u li tali ħsara saret minħabba l-ħsara mill-penthouse li inti proprjetarju tagħha;

Il-mittenti jirriżervaw id-drittijiet tagħhom biex jipproċedu legalment kontra tiegħek, billi jiftħu kawża u jieħdu l-miżuri legali kollha neċessarji, inklużi azzjonijiet oħra, sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet tagħhom kif ukoll biex jiġu rikoverati l-ispejjeż kollha u d-danni li qed ibatu bħala riżultat tan-nuqqas tiegħek;

Pedro Carlos Camilleri et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Pedro Carlos Camilleri in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

This 27th November, 2025

To: Pedro Carlos Camilleri (ID 478086M) of 5 Lumiere Court, Apartment 10, Triq il-Kuluvert, Fgura

DMT Property Management Ltd, in their capacity as administratord of the condominium of Lumiere Court, Triq Kuluvert, Fgura

The Lumiere Court Association for any interest they may have

By the present judicial letter, Mr Joseph M. Cordina Zammit and Mrs Zuzana Zelova, owners of the property situated at 5 Lumiere Court, Apartment 8/9, Triq il-Kuluvert, Fgura, which is the underlying your property, solicit you to repair the damage and repair the works in your building which were not carried out according to the trade and art.

You are formally informed that the rainwater from the roof property or occupied by Pedro Carlo Camilleri is entering the property of the interpellants, and this is causing serious damages, both in the premises itself as well as in the internal furnishings and furniture of the property. This situation is already causing serious inconvenience and material damage to owners. Although it seemed that some form of agreement had been reached, the damages caused by you remained unremedied, and the problems aggravated – all this as results from the attached report of Architect Benny Cortis attached and marked Doc. M001.

That you are being solicited to stop making use of the common area of the basement garage since you have no real and/or personal right to park and/or leave material which is obstracting the common area of the garage;

That the interpellants are from now holding you responsible for the damages and expenses of the facade and the common area since they have to be repaired according to the obligations arising from the contract of condominium, and that such damage was caused due to the damage from the penthouse of which you are the owner;

The interpellants reserve their rights to proceed legally against you, by instituting a lawsuit and taking all the necessary legal measures, including other actions, in order to protect their rights as well as to recover all the costs and damages they are suffering as a result of your default;

Illi din l-ittra qed tintbagħat bħala l-aħħar avviż biex inti tirrimedja l-ħsarat kollha u tagħmel il-bżonnijiet meħtieġa skont is-sengħa u l-arti. Ix-xogħol għandu jkun komplut b'garanziji u/jew ċertifikati li jiggarantixxu l-kwalità tax-xogħol għal perjodu minimu ta' għaxar (10) snin. Għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, il-mittenti qed iżommuk responsabbli għad-danni kollha li sofrew s'issa li jistgħu jiġu kkawżati fil-futur minħabba xogħol ħażin min-naħa tiegħek.

That this letter is being sent as the last notice so that you remedy all the damages and do the necessary needs according to the trade and art. The work must be completed by guarantees and/or certificates guaranteeing the quality of the work for a minimum period of ten (10) years. For all intents and purposes of law, the interpellants are holding you responsible for all the damages they have suffered so far which may be caused in the future due to bad work on your part.

Fin-nuqqas li taffetwa dak mitlub mill-mittenti sa żmien għaxart ijiem, il-mittenti sejjer jipproċedi kontrik ulterjorament, mingħajr ebda preavviż ieħor, u bil-mezzi kollha premessi mil-liġi inkluż il-ħruġ tal-mandati opportuni.

In default of effecting that demanded by the interpellants within ten days, the interpellants shall proceed further against you, without any other prior notice, and with all the means premised by law including the issuing of the opportune warrants.

Din l-intima qiegħda ssir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

This calling is being made for all intents and purposes of law.

Bl-ispejjeż, interessi u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri fil-liġi.

With costs, interest and saving any further action at law.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Awwissu, 2026

Registry of the Superior Courts, today 21st of August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2181

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Mejju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 741/2026, fl-ismijiet David Attard et vs Curtis Lares, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Curtis Lares a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 22nd May, 2026, of the Court of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 741/2026, in the names David Attard et vs Curtis Lares, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Curtis Lares in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

In the Court of Magistrates (Malta)

Illum 20 ta' Frar, 2026

This 20th February, 2026

Lil Curtis Lares (detentur tal-passaport Ingliż numru 126982131 u tal-permess ta' residenza Malti numru 221248A), 23, Triq il-Ġiżimin, Is-Swieqi, Malta

To Curtis Lares (holder of English Passport No 126982131 and Maltese residence permit number 221248A), 23, Triq il-Ġiżimin, Swieqi, Malta

Permezz ta' din l-Ittra Uffiċjali, il-mittenti konjuġi David Attard (detentur tal-karta ta' identità bin-numru 2721534M) u Mariacharmaine Attard (detentriċi tal-karta ta' identità numerata 703461M), it-tnejn residenti fi Flat 4, 226, Triq it-Torri, Tas-Sliema, jagħmlu referenza għall-kostituzzjoni ta' debitu tat-20 ta' Diċembru, 2025, fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Tabone, kopja hawn anness u mmarkat bħala 'Dokument A', senjatament għall-parti tal-istess kostituzzjoni ta' debitu, fejn inti kkostitwejt ruħek bħala debitur tal-mittenti u dan għas-somma ta' sebat elef u sitt mitt ewro (€7,600), u obbligajt ruħek tħallas ammont mensili ta' mitejn u ħamsin (€250);

By means of this Judicial letter, the interpellants spouses David Attard (holder of identity card number 2721534M) and Mariacharmaine Attard (holder of identity card number 703461M), both residing at Flat 4, 226, Triq it-Torri, Tas-Sliema, make reference to the constitution of debt agrement dated 20th December, 2025, in the records of Notary Dr Joseph Tabone, copy hereby attached and marked as 'Document A', specifically to the section of the same constitution of debt, wherein you assumed yourself as senders debtors and this for the sum of seven thousand six hundred euro (€7,600), and obliged yourself to pay a monthly amount of two hundred fifty (€250);

Illi skont l-istess kostituzzjoni ta' debitu, l-ammont kollhu jkun immedjatament dovut u pagabbli fil-mumet li inti tonqos milli tħallas wieħed mis-somom mensili dovuti minnek;

Illi minkejja dan kollhu, inti nqast milli tħallas il-pagament mensili fix-xhur ta' Jannar u Frar u fil-fatt sad-data ta' din l-ittra ma ħallastx assolutament xejn minn dak dovut minnek;

Illi għalhekk sad-data ta' din l-ittra, inti bqajt inadempjenti u l-ammont fl-intier tiegħu huwa dovut, u għaldaqstant dan id-dejn kollhu huwa pendent;

Illi għalhekk dan id-dejn huwa ċert, likwidu, u dovut;

Illi ġialadarba inti nqast milli tħallas l-imsemmija somma, konsegwentament ai termini tal-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti għandhom titolu eżekuttiv fuq dan id-debitu kontra tiegħek, u qed jibagħtu din l-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Nonostante dan, u bħala ġest in bona fide, il-mittenti jiddikjaraw permezz ta' din l-istess ittra uffiċjali li qegħdin iċedu d-drittijiet kollha tagħhom fir-rigward tas-somma ta' mitejn tmienja u sebgħin ewro (€278), u għalhekk qegħdin jitolbu l-ħlas tas-somma totali ta' sebat elef, tliet mija u tnejn u għoxrin ewro (€7,322).

Għaldaqstant, il-mittenti qegħdin jinterpellawk sabiex tħallas l-imsemmija somma ta' sebat elef, tliet mija u tnejn u għoxrin ewro (€7,322) oltre l-imgħax legali mid-data ta' 20 ta' Diċembru, 2025, u dan wara zmien jumejn min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali. Fin-nuqqas, il-mittenti se jipproċedu bil-ħruġ tal-mandati eżekuttivi kontra tiegħek skont il-liġi.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

That according to the abovementioned constitution of debt agreement, the entire becomes immediately due and payable at the moment that you fail to pay any of the monthly sums owed by you;

That despite all this, you failed to pay the monthly payment during the months of January and February and in fact till the date of this letter you did not pay absolutely anything from that due by you;

Therefore, up until the date of this letter, you have remained in default and the entire amount is due, and therefore all this debt remains pending;

Therefore this debt is certain, liquid, and due;

Since you failed to pay the said sum, consequently in terms of Article 253(b) of Cap. 12 of the Laws of Malta, the interpellants have an executive title on this debt against you, and are sending this judicial letter in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Notwithstanding this, and as a gesture in good faith, the interpellants declare by means of this same judicial letter that they are waiving all their rights in relation to the sum of two hundred and seventy eight euro (€278), and therefore are requesting the payment of the total sum of seven thousand, three hundred and twenty two euro (€7,322).

Consequently, the interpellants are calling upon hyou to pay the said sum of seven thousand, three hundred and twenty two euro (€7,322) besides legal interest from the date of 20th December, 2025, and this after two days from the service of this judicial letter. In default, the interpellants shall proceed with the issuing of the executive warrants against you according to law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 21st August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2182

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3421/2025, fl-ismijiet Mohammed Amaan Khan vs Pascal Kober et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Pascal Kober u Kobeer & Partners Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 2nd October, 2025, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 3421/2025, in the names Mohammed Amaan Khan vs Pascal Kober et, the following publication for the purpose of service on the respondent Pascal Kober and Kober & Partners Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 29 ta' Lulju, 2025

Lil: Pascal Kober ta' Apartment 1141, Pendergardens, Triq Sant'Andrija, San Ġiljan STJ 9023, Malta

Kober & Partners Limited (C109300) ta' Apartment 1141, Pendergardens, Triq Sant'Andrija, San Ġiljan STJ 9023, Malta

Permezz tal-preżenti Ittra Ġudizzjarja, is-Sur Mohammed Amaan Khan, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ bħala l-'Mittenti', Rappreżentant Awtorizzat ta' Appscreated.com LLC ('Appscreated.com'), kumpanija rreġistrata fl-istat ta' Wyoming fl-Istati Uniti tal-Amerka bin-numru ta' reġistrazzjoni 2025-001695928, u bl-indirizz: 312 W 2ND ST, #3450, Casper WY 82601, USA, jagħmel referenza għall-ittra ta' Inkarigu datata 29 ta' Ġunju, 2025, li ġiet iffirmata miegħek, Pascal Kober, f'ismek u f'isem l-entità li topera 'thinkera', u mill-Mittenti, u li qed tiġi mehmuża hawnhekk u mmarkata bħala Dokument A, fejn ġie miftiehem li l-Mittenti jipprovdi s-servizzi tiegħu ta' żvilupp tas-software lill-proġett startup 'thinkera';

Illi skont l-imsemmija Ittra ta' Inkarigu, ġie stabbilit ftehim kummerċjali ta' tnax-il (12) xahar b'data tal-bidu fil-20 ta' Ġunju, 2025;

Illi fl-istess Ittra ta' Inkarigu, issir referenza għal klawsola numru '0.2 Engagement Duration' illi l-inkarigu miftiehem jista' biss jintemm wara sitt (6) xhur, u b'avviż bil-miktub ta' tletin (30) jum. It-tmiem tal-inkarigu fejn int innotifikajt lill-Mittenti nhar l-4 ta' Lulju, 2025, jiġifieri biss ġimagħtejn wara l-bidu tal-inkarigu, sar b'mod unilaterali f'ismek u f'isem l-entità li topera 'thinkera' u mingħajr bażi legali, u bi ksur dirett tat-termini vinkolanti stabbiliti fl-istess imsemmija Klawsola 0.2 tal-Ittra ta' Inkarigu msemmija;

Illi dan it-tmiem bikri u illegali jammonta għal ksur gravi tal-kuntratt kummerċjali u jpoġġikom f'responsabbiltà għall-ħlas ta' kumpens sħiħ skont il-Klawsola '0.3 Compensation Package & Payment Terms' tal-istess Ittra ta' Inkarigu, li tinkludi ħlas ta' tnax-il (12) xahar;

Illi minkejja diversi tentattivi u twissijiet bonarji sabiex il-ftehim kummerċjali jiġi onorat min-naħa tiegħek f'ismek u f'isem l-entità li topera 'thinkera', u tħallsu dak li hu dovut lill-Mittenti, intom bqajtu inadempjenti;

Illi għaldaqstant, il-Mittenti jgħarrafkom illi intom moruži fil-ħlas tal-inkarigu dovuti skont il-ftehim kummerċjali li jammonta għas-somma totali ta' sebgħa u sebgħin elf ewro

In the First Hall Civil Court

Today 29th July, 2025

To: Pascal Kober of Apartment 1141, Pendergardens, Triq Sant'Andrija, St Julian's STJ 9023, Malta

Kober & Partners Limited (C109300) of Apartment 1141, Pendergardens, Triq Sant'Andrija, St Julian's STJ 9023, Malta

By virtue of the present Judicial Letter, Mr Mohammed Amaan Khan, hereinafter referred to as the 'Sender', duly authorised representative of Appscreated.com LLC ('Appscreated.com'), a company registered in the state of Wyoming, United States of America, with registration number 2025-001695928 and registered address at: 312 W 2ND ST, #3450, Casper, WY 82601, USA, hereby refers to the Letter of Engagement dated 29th June, 2025, signed by you, Pascal Kober, in your name and on behalf of the entity operating under the name 'thinkera', and by the Sender, a copy of which is attached hereto and marked as Document A, whereby it was agreed that the Sender would provide software development services for the startup project 'thinkera';

That it was established in said Letter of Engagement that a commercial agreement of twelve (12) months would commence on 20th June, 2025;

That the said Letter of Engagement includes a clause, namely '0.2 Engagement Duration', which clearly provides that the agreed engagement may only be terminated after a minimum of six (6) months, and with thirty (30) days' written notice. The premature termination of this engagement, notified to the Sender on the 4th of July, 2025, merely two (2) weeks after commencement, was carried out unilaterally by you and on behalf of the entity 'thinkera', without legal basis, and in direct breach of the binding terms laid out in Clause 0.2 of the aforementioned Letter of Engagement;

That this premature and unlawful termination constitutes a serious breach of the commercial contract and places you under liability to pay full compensation, as stipulated under Clause '0.3 Compensation, Package & Payment Terms' of the same Letter of Engagement, which includes payment for the full twelve (12) months;

That despite multiple amicable attempts and formal warnings for the commercial agreement to be honoured by you and the entity operating 'thinkera', and for the amounts due to be settled, you have remained in default;

That therefore, the Sender hereby notifies you that you are in default of your payment obligations arising from the aforementioned commercial agreement, to the total amount

(€72,000.00) rappreżentata l-ħlas ta' tnax-il (12) xahar, dovuta ai termini tal-ftehim surreferit;

Illi f'każ li tibqgħu inadempjenti, il-Mittenti ma jkollu l-ebda alternattiva oħra għajr li jieħu l-proċeduri ġudizzjarji opportuni fil-konfront tagħkom sabiex il-Mittenti jissalvagwardja l-interessi u d-drittijiet kollha tiegħu;

Illi din l-Ittra Ġudizzjarja qed tintbagħat ai finijiet u effetti kollha tal-Kapitoli 12 u 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lill-Mittenti fil-konfront tagħkom skont il-liġi.

Tant sabiex tgħarfu tirregolaw ruħkom u tevitaw spejjeż ulterjuri.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kif dovut ai termini tal-ftehmiet imsemmija u li għandu jibqa' jiddekorri sad-data tal-ħlas effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 21 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

of seventy-two thousand euro (€72,000.00), representing the payment for twelve (12) months as agreed under the said contractual terms;

That in the event that you remain in breach, the Sender shall have no alternative but to institute legal proceedings against you to safeguard all his rights and interests;

That this Judicial Letter is being sent for all intents and purposes of Cap.s 12 and 16 of the Laws of Malta, and without prejudice to any other legal remedies available to the Sender against you under the applicable laws.

You are therefore urged to regularise your position and avoid further costs and legal action.

Costs and interest shall apply as stipulated in the said agreement and shall continue to accrue until the effective date of payment.

Registry of the Superior Courts, today 21st August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2183

Permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Frar, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3356/2022, fl-ismijiet l-Avukat Dott. Frank B Testa noe vs Ivan Camilleri et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà Superior Travel Limited a tenur tal-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 23 ta' Diċembru, 2022

Lil Ivan Camilleri (170875M) ta' 5, Sqaq San Vitor, Iż-Żejtun, u lil Superior Travel Ltd (C55289) ta' 5, Sqaq San Vitor, Iż-Żejtun

Bil-preżenti, l-Avukat Dott. Frank B. Testa detentur tal-karta tal-identità numru 424180M, għan-nom u inrappreżentanza tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta ta' Building SCM01, Level 3, Suite 301-306, SmartCity, Ricasoli, Il-Kalkara, qiegħed jinterpellakom sabiex intom tħallsu s-somma komplessiva ta' elfejn ħames mija u erba' ewro u tmien ċenteżmi (€2504.08), oltre l-imgħax ulterjuri sal-ħlas effettiv. Dan l-ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut minnkom in solidum lill-Awtorità mittenti u jirrappreżenta drittijiet dovuti minnkom inkonnessjoni mas-segwenti:

By means of a decree of the 5th February, 2024, of the Court of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 3356/2022, in the names Advocate Dr Frank B Testa noe vs Ivan Camilleri et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the company Superior Travel Limited in terms of Article 187 (4) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 23rd December, 2022

To Ivan Camilleri (170875M) of 5, Sqaq San Vitor, Żejtun, and to Superior Travel Ltd (C55289) of 5, Sqaq San Vitor, Żejtun

By the present, Advocat Dr Frank B. Testa holder of identity card number 424180M, in the name and on behalf of the Malta Tourism Authority of Building SCM01, Level 3, Suite 301-306, SmartCity, Ricasoli, Kalkara, is calling upon you so that you pay the total sum of two thousand five hundred and four euro and eight cents (€2504.08), besides further interest till the effective payment. This amount is a certain, liquid debt due by you in solidum to the interpellant Authority and represents fees due by you in connection with the following:

a) L-ammont elfejn ħames mija u erba' ewro u tmien ċenteżmi (€2504.08) jirrappreżenta drittijiet dovuti lill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta inkwantu għal-liċenzja numru TRA/S/86 li tkopri l-operat turistiku bl-indirizz Superior Travel, 5, Sqaq San Vitor, Iż-Żejtun;

Din l-intima qiegħda ssir għal finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), u l-Awtorità mittenti qiegħda ukoll permezz ta' din l-ittra uffiċjali tinnotifikakom bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala 'Dokument A'.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda tintbagħat lilkom għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tagħkom permezz ta' rikors fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali skont l-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Awtorità mittenti tgħaddi sabiex tesegwixxi kontra tagħkom dan il-kreditu skont il-liġi.

Illi fin-nuqqas ta' ħlas tal-imsemmi ammont minnkom dovut lill-Awtorità mittenti skont kif indikat f'din l-ittra jew fil-każ li topponu t-talba kif fuq imsemmi, l-Awtorità mittenti tirriżerva d-dritt li tipproċedi ulterjorament kontra tagħkom skont il-liġi, mingħajr ebda preavviż ulterjuri, inkluż bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Tant biex tagħrfu timxu u biex jiġu evitati spejjeż inutili.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-preżenti ittra uffiċjali u drittijiet legali u bl-imgħaxxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

a) The amount two thousand five hundred four Euro and eight cents (€2504.08) represents fees due to the Malta Tourism Authority as for licence number TRA/S/86 covering the tourist operation with the address Superior travel, 5, Sqaq San Vitor, Żejtun

This calling is being made for all intents and purposes of Article 466 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta), and the interpellant Authority is also by means of this judicial letter notifying you with the attached sworn declaration marked as 'Document A'.

This judicial letter is being sent to you for all intents and purposes of law and in default of payment or opposition on your part by means of an application within twenty days from the service of this judicial letter according to Article 466 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta), the interpellant Authority shall proceed to enforce against you this credit according to law.

That in default of payment of the said amount due by you to the interpellant Authority as indicated in this letter or in case you oppose the demand as above mentioned, the interpellant Authority reserves the right to proceed further against you according to law, without any further notice, including the issuing of the opportune warrants according to law.

So much so that you may know how to proceed and to avoid useless expenses.

With costs, including those of this present judicial letter and legal fees and with legal interest till the date of effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 21st August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2184

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Jannar, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4226/2025, fl-ismijiet Chantelle Conti vs Alexander Mercieca, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Alexander Mercieca a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 16 ta' Diċembru, 2025

By means of a decree of the 22nd January, 2026, of the Court of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 4226/2025, in the names Chantelle Conti vs Alexander Mercieca, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Alexander Mercieca in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

This 16th of December, 2025

Lil Alexander Mercieca (85363M), 4, 'Anil', Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, Chantelle Conti (052192M) ta' 'The Pantheon', Blokk H, Flat 6, Triq id-Difiża Ċivili, Il-Mosta, tagħmillek referenza għall-att ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Matthew Agius tat-13 ta' Ġunju, 2023, kopja ta' liema qegħda tiġi hawn annessa, permezz ta' liema inti kkostitwejt ruħek veru, ċert u likwidu debitur affavur tal-mittenti fl-ammont ta' erbatax-il elf u ħames mitt ewro (€14,500) rappreżentanti depożitu mħallas lilek akkont tal-prezz tal-bejgħ ta' proprjetà illi int ma begħtx lill-mittenti għal raġunijiet imputabbli lilek, liema somma int obbligajt ruħek illi tħallasha sa mhux aktar tard mill-14 ta' Diċembru, 2023, u f'każ ta' nuqqas tħallas l-imgħaxijiet bl-ogħla rata illi tippermetti l-liġi b'effett mid-data tal-konvenju jiġifieir mill-5 ta' Awwissu, 2019.

Peress illi int ma ħallast xejn mill-ammont dovut minnek, inti veru, ċert u likwidu debitur tal-mittenti fl-ammont ta' erbatax-il elf u ħames mitt ewro (€14,500) flimkien mal-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'effett mill-5 ta' Awwissu, 2019. Il-mittenti qiegħda permezz tal-preżenti tinterpellak sabiex immedjatament u in ogni każ sa mhux aktar tard minn jumejn min-notifika lilek ta' din l-ittra uffiċjali tħallas l-imsemmi ammont ta' erbatax-il elf u ħames mitt ewro (€14,500) flimkien mal-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'effett mill-5 ta' Awwissu, 2019.

Fin-nuqqas se jinħarġu mandati eżekuttivi fil-konfront tiegħek mingħajr preavviż ieħor.

Peress illi d-debitu minnek dovut huwa ċert, likwidu u għalaq ai termini tal-artikolu 253 (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-kuntratt pubbliku hawn fuq imsemmi eżegwibbli ai termini tal-artikolu 256 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inti interpellat ukoll tħallas l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'effett mill-5 ta' Awwissu, 2019, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-preżenti, kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

To: Alexander Mercieca (85363M), 4, 'Anil', Triq il-Ħawt, Swieqi

By means of this present, Chantelle Conti (052192M) of The Pantheon', Block H, Flat 6, Triq id-Difiża Ċivili, Mosta, makes reference to the act of constitution of debt in the records of Notary Matthew Agius of the 13th June, 2023, a copy of which is here attached, by means of which you constituted yourself true, certain and liquid debtor in favour of the interpellant in the amount of fourteen thousand five hundred euro (€14,500) representing deposit paid to you on account of the sale price of a property which you did not sell to the interpellant for reasons imputable to you, which sum you obliged yourself to pay by not later than the 14th December, 2023, and in case of default you are to pay interest at the highest rate permitted by law with effect from the date of the preliminary agreement that is 5th August, 2019.

Since you have not paid anything from the amount due by you, you are true, certain and liquid debtor of the interpellant in the amount of fourteen thousand five hundred euro (€14,500) together with the legal interests at the rate of eight per cent (8%) with effect from the 5th August, 2019. The interpellant is by means of the present, soliciting you so that immediately and in any case by not later than two days from the service of this judicial letter you pay the said amount of fourteen thousand five hundred euro (€14,500) together with legal interests at the rate of eight per cent (8%) with effect from the 5th August, 2019.

In default executive warrants will be issued against you without further notice.

Because the debt due by you is certain, liquid and closed in terms of Article 253 (b) of Cap. 12 of the Laws of Malta, this judicial letter is being sent in order to render the public contract above mentioned executable in terms of Article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

You are also solicited to pay legal interest at the rate of eight per cent (8%) with effect from the 5th August, 2019, till the date of effective payment.

With costs, including the present, against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 21st August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2185

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Novembru, 2025, mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1746/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs

By means of a decree of the 4th November, 2025, given by the First Hall of the Civil Courts, in the records of the judicial letter number 1746/2025, in the names Commissioner

Andre Myrvold Hefner, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili lil Andre Myrvold Hefner (KI 259079A) ta' Qui-Si-Sana Fl. 17, Ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana, Tas-Sliema SLM 11, u/jew 98, Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar, fil-15 ta' April, 2025, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, Il-Furjana, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €33,173 kwantu għal €31,895 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-sena ta' stima 2023 u kwantu għal €1,278 bħala taxxa addizzjonali u interessi skont l-avviż/talba għall-ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok. A.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont lill-mittenti minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. A fuq citat) il-mittenti javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien hawn lilek prefiss, huwa ser jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 21 ta' Awwissu, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

of Tax and Customs vs Andre Myrvold Hefner, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Andre Myrvold Hefner (ID 259079A) of Qui-Si-Sana Fl. 17, Ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana, Tas-Sliema SLM 11, and/or 98, Triq San Ġorġ, St Paul's Bay, on the 15th April, 2025, Commissioner of Tax and Customs of Administration of Tax and Customs of Malta, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €33,173 for the amount of €31,895 representing the tax from the income and provisional tax for the year of assessment 2023 and as for €1,278 as additional tax and interest according to the notice/demand for payment here attached animo ritirandi and marked as Doc. A.

As you failed to pay the amount due the interpellant notwithstanding the request for payment (see the same Doc. A above mentioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time given he will proceed with the execution of the title obtained in terms of Article 40 of the Act regarding the Tax Administration.

Pay the costs of this act.

Registry of the Superior Courts today 21st August, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2186

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3368/2025, fl-ismijiet Moawad Ali Moawad Abou Halal vs Alaawer Hamza, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront Alaawer Hamza a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 23 ta' Lulju, 2025

Lil Alaawer Hamza (KI 0214011L) Mansfield Place, FLT 5, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, is-Sur Moawad Ali Moawad Abou Halal, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0067346A u li joqgħod Caria, 228, Vjal il-21 ta' Settembru, In-Naxxar, qed jirrileva dan li ġej:

1. Illi hu kien iltaqa' mal-intimat għall-ħabta tas-sena 2010;

By means of a decree of the 8th October, 2025, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 3368/2025, in the names Moawad Ali Moawad Abou Halal vs Alaawer Hamza, the following publication for the purpose of service on the respondent Alaawer Hamza was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 23rd July, 2025

To Alaawer Hamza (ID 0214011L) Mansfield place, FLT 5, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema

By the present judicial letter, Mr Moawad Ali Moawad Abou Halal, holder of identity card number 0067346A residing in Caria, 228, Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar, is pointing out the following:

1. That he had met the respondent in around the year 2010;

2. Illi t-tnejn li huma kienu ħadu deċiżjoni li jingħaqdu flimkien sabiex jiftħu ħanut jew ħwienet bħala 'mini-market' hawn Malta;

3. Illi l-partijiet wettqu din is-sħubija tagħhom billi uffiċjalment jinżamm kollox fuq l-Intimat, u l-istess Intimat iwettaq l-investiment inizjali, filwaqt li l-Mittenti jieħu ħsieb l-operat tal-istess sħubija ossija 'partnership' u ċoè permezz ta' soċjetà 'di fatto' (hawn aktar 'il quddiem magħrufa bħala soċjetà 'di fatto');

4. Illi din is-soċjetà 'di fatto' damet għal ċirka sentejn (2), ċoè mis-sena 2012 sal-aħħar tas-sena 2014;

5. Illi minħabba diżgwid ta' bejn il-partijiet imsemmija, u raġunijiet oħra li se jirriżultaw fil-mori tal-proċeduri odjerni, iżda maġġorment a kawża ta' ħtija tal-Intimat, tali sħubija sfaxxat fix-xejn.

6. Illi nonostante dan, il-Partijiet qatt ma effettivament illikwidaw tali soċjetà 'di fatto' bir-riżultat li, b'mod abbusiv, l-Intimat żamm dak kollu li kellu x' jaqsam ma' tali soċjetà 'di fatto'.

7. Illi per konsegwenza, u wara żewġ interpellanzi preċedenti datati 16 ta' Ġunju, 2016 (referenza numru 2046/2016) u 9 ta' Frar, 2018, rispettivament, il-Mittenti qed jiġi kostrett li għall-aħħar darba jerġa' joħroġ il-preżenti interpellanza.

Għaldaqstant, il-Mittenti qiegħed, fl-ewwel lok, iżomm lill-Intimat responsabbli in dolo, culpa et moro u, fit-tieni lok, qiegħed formalment jinterpellah sabiex jersaq għal-likwidazzjoni tas-soċjetà 'di fatto' hawn fuq indikata u biex b'hekk jiġu assenjati, u permezz ta' pjan ta' qasma, occorrendo bl-assistenza ta' perit nominandi, l-isħma spettanti lil kull parti skont l-istess pjan ta' qasma u skont il-liġi u, finalment, l-Intimat m'għandu jinforza l-ebda ftehim li hemm bejniethom qabel ma jseħħ il-proċess su ċitat.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek skont is-su espost u skont il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat

Il-preżenti ittra ġudizzjarja qiegħda ssir ta' tenur tal-Kap. 12, 13 u 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 21 ta' Awwissu, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

2. That both had taken a decision to come together to open a shop or shops as a mini-market in Malta;

3. That the parties carried out their partnership by officially keeping everything on the respondent, and the same respondent carries out the initial investment, whilst the interpellant takes care of the operation of the same partnership or rather 'partnership' and namely by means of a company 'di facto' (hereinafter referred to as the 'di fatto' partnership);

4. That this company 'di fatto' lasted for circa two years (2), that is from the year 2012 till the end of the year 2014;

5. That due to a dispute between the parties mentioned, and other reasons which shall result during the course of the present proceedings, but mostly due to the fault of the respondent, such membership broke down.

6. That notwithstanding this, the parties never effectively liquidated such company 'di fatto' with the result that, abusively, the respondent held all that was related to such company 'di fatto'.

7. That consequently, and after two previous interpellations dated 16th June, 2016 (reference number 2046/2016) and 9th February, 2018, respectively, the interpellant is being constrained to issue the present solicitation for the last time.

Thus, the interpellant is, in the first place, holding the respondent responsible in dolo, culpa et moro and, in the second place, is formally calling upon him to come forward to the liquidation of the company 'di fatto' above indicated and so that they be assigned, and by means of a plan of partition, if necessary with the assistance of a nominated architect, the share due to each party according to the same plan of partition and according to law and, finally, the respondent should not enforce any agreement between them before the process above mentioned takes place.

So much so that you may know how to regulate yourself according to the above and according to law.

With costs against the respondent

The present judicial letter is being made in terms of Cap. 12, 13 and 16 of the Laws of Malta.

Registry of the Superior Courts, today 21st August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2187

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Novembru, 2025, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4355/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs EJ Services Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' EJ Services Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 6th November, 2025, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4355/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs EJ Services Limited, the following publication for the purpose of service on the respondent EJ Services Limited was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

In the First Hall of the Civil Court

Illum 29 ta' Settembru, 2025

Today 29th September, 2025

Lil EJ Services Limited (C88033) ta' 16, Nissan Huts, Kordin, Paola

To EJ Services Limited (C88033) of 16, Nissan Huts, Kordin, Paola

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellakom ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallsu l-ammont ta' €171,079.67 rappreżentanti ammont dovut minnkom bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €171,079.67 representing amount due by you as Value Added Tax according to the same Act.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont l-imsemmi Att XXIII tal-1998 sad-data tal-effettiv pagament.

With costs and interest according to Act XXIII of 1998 till the date of effective payment.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tagħkom permezz tal-avviż li ntbagħat lilkom.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom permezz tal-mandati opportuni.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you by means of the opportune warrants.

Tant sabiex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 21 ta' Awwissu, 2026

Registry of the Superior Courts, today 21st August, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2188

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Ġunju, 2026, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 9/2026AGV fl-ismijiet Natalina Micallef vs James Micallef, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat James Micallef a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 3rd June, 2026, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Natalina Micallef vs James Micallef, Application number 9/2026AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent James Micallef in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Natalina Micallef (KI 12663M) vs James Micallef (KI 552262M) fl-atti tar-Rikors numru 9/2026AGV, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Jannar, 2026, ir-rikorrenti Natalina Micallef (KI 12663M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali mensa et thoro bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-liġi u imputabbli lill-intimat;

2. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occorendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tordna u tikkonferma lill-intimat sabiex iħallas retta alimentari xierq vis-à-vis l-esponenti u dan fi sfond tal-età li hija għandha u anke l-mard li l-istess għandha;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat iddekada minn sehmu fil-Komunjoni tal-Akkwisti u konsegwentement tapplika l-effetti tal-Artikolu 48 et sequitur tal-Kodiċi kontra l-istess intimat a favur ir-rikorrenti u konsegwentement tiddikjara illi l-intimat tilef il-jeddijiet imsemmija fl-artikoli 631 u 633 tal-Kodiċi kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni, bi ħsieb taż-żwieġ, jew wara ż-żwieġ jew b'titolu ieħor gratwitu mingħand ir-rikorrenti, illi għalhekk għandu jiġi ritornat lilha u tiddikjara inoltre illi l-intimat tilef ukoll kull jedd għan-nofs tal-akkwisti illi saru l-aktar bil-ħidma tar-rikorrenti wara d-data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bħala d-data meta l-intimat irrenda ruħu ħati tal-firda, liema akkwisti għandhom jibqgħu kollha għar-rikorrenti, u għal dan l-iskop għandhom jitqiesu l-kontrbuti b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-Artikolu 3 tal-Kodiċi. Inoltre, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-intimat iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mir-rikorrenti;

5. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-Komunjoni tal-Akkwisti f'żewġ ishma illi ma jkunux ugwali insegwitu għat-talbiet preċedenti u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini tal-istess;

6. Tassenja lir-rikorrenti l-beni parafernali tagħha u/jew il-valur tal-istess u tordna lill-intimat sabiex jirritorna lir-rikorrenti l-beni kollha parafernali tagħha jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-każ;

7. Tassenja kull dritt, kemm reali u kif ukoll personali fil-fond 171, Bini tal-Gvern, Flat 3, Triq il-Wied tal-Imsida, L-Imsida, b'mod esklussiv lir-rikorrenti;

8. Illi kull dejn magħmul minn James Micallef fil-komunjoni, għandu jkun a karigu tal-istess James Micallef;

